2/6

# Leħen il-Malti

ROYAL UNIVERSITY OF
MAIN LIBRARY

MAHRUĠ
MILL-GHAQDA TAL-MALTI (UNIVERSITÀ)

IL-MALTI REBAH FIL-KOSTITUZZJONI TA' MALTA INDIPENDENTI U FIL-LITURĠIJA.

TASAL UKOLL IR-REBHA TIEGHU BHALA LSIEN UFFIĊJALI FL-UNIVERSITÀ.

L-XXXIV SENA 1965 GHADD 9

*Membri tal-Kumitat ta' l-Għaqda*

| | |
|---|---|
| *President u Editur ta'* Leħen il-Malti: | Prof. Ġ. Aquilina, B.A., LL.D., Ph.D., F.R.A.S. |
| *Viċi-President u Ass. Editur ta'* Leħen il-Malti: | Ġ. Cardona, B.A. (Hons.) |
| *Segretarju:* | J.G. Galea, B.A. |
| *Teżoriera:* | M. Coster, B.A. |
| *Ass. Segretarju:* | G. Bonnici |
| *Membri:* | Bro. Raymond |
| | Fr. Previ, O.P. |
| | V. Mallia Milanes |
| | M. Sant, B.A. |

*Membri tal-Fergħa Drammatika*

| | |
|---|---|
| *President:* | Prof. Ġ. Aquilina |
| *Segretarju:* | J.G. Galea, B.A. |
| *Teżoriera:* | M. Coster, B.A. |
| *Membri:* | V. Mallia Milanes |
| | C. Vella, B.A. |
| | J. Grima |

# LEĦEN IL-MALTI

L-XXXIV SENA | 1965 | GĦADD 9

DAN IL-GĦADD FIH:

EDITORJAL: *Radd ta' Qima lil-Dr. A. Cremona f'Għeluq il-85 Sena* – E. AGIUS: *Il-Profeta* – C. VELLA: *Niżla* – L. MIZZI: *Dak in-Nhar tal-Ġublew* – Patri D. MINTOFF: *Iż-Żigarella* – T. Cini: *Il-Passa tal-Ġamiem* – Dun KARM: *Il-Għanja ta' Pawlinu* – Br. BERNARD MALLIJA S.J.: *Alla tal-Ħniena* – Ġ. AQUILINA: *Rwiefen* – Br. VICTOR F.S.C.: *L-Ewwel Imrar* – J. CAMILLERI: *In-Numru 16* – E. MIFSUD: *L-Għanja tal-Mejtin tal-Gwerra* – A. AGIUS MUSCAT: *Il-Vjatku* – OGYGIA: *Lil-Ġorġ Pisani* – P. GIUSEPPI CREMONA o.f.m.: *Mejju* – Dun ĠUŻEPP ABELA: *Jekk Int Ħabib* – Dun FRANS CAMILLERI: *Inti Biss* – Ġ. BONNICI: *Dubbien* – V. FENECH: *X'Jaraw* – A. MALLIA ZARB: *Dun Frans Camilleri fl-Għanja ta' Ħajti* – K. VASSALLO: *Fuq Ġwienaħ il-Għana (Reċensjoni).*

## EDITORJAL

### RADD TA' QIMA LIL DR. A. CREMONA F'GĦELUQ IL-85 SENA

DR. CREMONA li ħbiebu jafuh bħala s-Sur Nin għalaq 85 sena fis-27 ta' Mejju li għadda. Billi tagħlaq sninek biss, anki jekk dawn huma 85 sena, mhix xi ħaġa kbira, għax kull min ma jmutx żagħżugħ is-snin igħaddu minn fuqu, u jrid u ma jridx jixjieħ. Fi kliem ieħor, m'hemm ebda mertu fix-xjuħija. Iżda l-għeluq tal-85 sena ta' studjuż li ħadem daqshekk għall-Malti u li, għalkemm imdaħħal ħafna fis-snin, għadu mhux biss qawwi u sħiħ minn moħħu imma għadu jħabrek u jikteb, ma nistgħux inqisuh bħal għeluq is-snin ta' kull bniedem ordinarju. Meta awtur ikun għamel ġieħ hekk kbir lill-istudji Maltin ikun ħaqqu min jafhulu u jagħtih qima quddiem kulħadd. Ma setax ikun li l-Professur tal-Malti fl-Università tagħna jħalli jgħaddi bħal kieku ma ġara xejn l-għeluq tal-85 sena ta' Dr. A. Cremona li hu wkoll ħabib tiegħu. U billi l-importanza ta' l-istudjuż tidher l-aktar mill-istudji u l-kotba tiegħu, biex nuri kemm sewa lil Malta ma nistax nagħmel aħjar milli nagħti lista ta' l-aqwa kitbiet tiegħu sena wara l-oħra sal-lum.

#### LETTERATURA – PROŻA U POEŻIJA

1932 – *Weraq mar-Riħ*, Ġabra ta' poeżiji.

1941 – "Storja tal-Għaqdiet tal-Kittieba tal-Malti", imxandra f'*Leħen il-Malti*, 1941.

1945 – *Rand u Riħan*, Ġabra ta' proża u poeżiji.

1951 – *Preca bħala Filologu.*
1956 – *Is-Sunetti ta' Ġ. Muscat Azzopardi.*
1957 – *Studji Filoloġiċi.*
1963 – *Lista tal-Poeżiji ta' Dun Karm.*

## STUDJI LINGWISTIĊI

1918 – "Cenni sul Problema linguistico nel Maltese", mitbugħ fi *Guida Generale di Malta e Gozo* ta' 1918.
1925 – "X'inhu l-Malti Safi", f'*Il-Malti*, 1925.
1929 – *A Manual of Maltese Orthography and Grammar.*
1934 – "Literary Evolution of Maltese", Kitbiet li dehru fil-*Journal of the Malta University Society*, 1933-34.
1936 – *Tagħlim fuq il-Kitba Maltija*, l-Ewwel Ktieb (Oxford University Press, 1936), it-Tieni ħarġa, 1953. It-tieni edizzjoni, 1955.
1938 – *Tagħlim fuq il-Kitba Maltija*, it-Tieni Ktieb, edizzjonijiet oħra: 1941, 1944, 1950, 1955.
1944 – "Ix-Xebh ta' Għanja Maltija ma' Ballata Qadima Ingliża", f'*Il-Malti*, 1954.
1945 – "A Historical Review of the Maltese Language", mitbugħ f'*The Teacher's Magazine*, Vol. II ta' 1944 u Vol. II ta' 1945.
1954 – "Ix-Xebh ta' Għanja Maltija ma' Ballata qadima Ingliża", f'*Il-Malti*, 1954.

## STORJA

1955 – "L'Antica Fondazione di Lingua Araba in Malta", (Studio storico letto sotto gli auspici della *Malta Historical Society*, il 25 gennaio, 1952, nella Libreria della Regia Universita di Malta).
1964 – La Marina Maltese del Medio Evo all'Epoca Moderna.

## FOLKLORE

1922 – "Maltese Funeral Customs", mitbugħ f'*Melita*, Vol. II, June, 1922. Malta.
1923 – "Maltese Death, Mourning and Funeral Customs", mitbugħ f'*Folklore*. Vol. XXXIV-1923. Londra.
1923 – "Some Myths and Beliefs in Maltese Folklore", mitbugħ f'*Melita*, Vol. III, Gunju 1923. Malta.
1925 – "Weather and Husbandry Lore in the Isles of Malta", mitbugħ fil-*Journal of the Malta Historical and Scientific Society*, Vol. VI, No. 1, 1925. Malta.

1934 – "Is the Maid of Mosta a Myth?", mitbugħ fil-*Journal of the Malta University Literary Society*, No. 10 Marzu, 1934. Malta.

1944 – "Folklore u Lsien Malti", mitbugħ fil-*Leħen il-Malti*. Nos. 158-160 u Nos. 161-162, 1944.

1954 – "Il Folklore Maltese", mitbugħ fil-*Folklore* No. 1-2. IX Annata, 1954. Napoli.

1952 – *Linguistika u Folklore.*

1962 – "Le Relazioni Etnografiche del Folklore Narrativo e Leggendario della Isole di Malta", f'*Maltese Folklore Review.*

BIJOGRAFIJI

1922 – "Napoleone Tagliaferro nella vita scientifica e letteraria", mitbugħ fil-*Guida Generale di Malta e Gozo* 1922-23.

1937 – *Mikiel Anton Vassalli u Żminijietu* (Translated into English by May Butcher from the revised and emended original Maltese text in 1940).

1935 – "Temi Zammit", f'*Leħen il-Malti*

1959 – "Ġużè Muscat Azzopardi", f'*Il-Malti.*

1962 – "Dun Karm kif Nafu Jien", f'*Il-Malti.*

TEATRU

1936 – *Il-Fidwa tal-Bdiewa*, Dramm f'ħames atti, it-tieni edizzjoni 1948.

1952 – *Ecce Homo.*

1961 – "Samaritana" – Xena Biblika f'*Il-Malti.*

1963 – "Meta l-Mara Tibqa' Tmieri", f'*Il-Malti.*

VOKABOLARJI TA' KLIEM IS-SNAJJA'

1964 – *Maltese Technical Terminology.*

Vol. I *Agricultural, Nautical and Fishing Terms Including a Supplementary List of Insects and Plant Pests.*

Vol. II *Maltese Zoological Names* (Maltese Fauna).

Dawn l-aħħar żewġ vokabolarji tekniċi, is-Sur Nin kien għamilhom l-ewwel darba fl-1934. Dan l-aħħar reġa' għamel reviżjoni tagħhom, it-tajpjahom u ta kopja lil-librerija ta' l-Università biex tkun tista' tiswa għall-istudenti. F'din il-lista ma daħħaltx kitbiet ta' importanza sekondarja. Waqt li nixtieqlu *Ad Multos Annos*, jiena żgur li sakemm moħħu u ġismu jibqgħu sħaħ, il-lista ta' xogħlijiet tiegħu tibqa' tikber miegħu. Naf li f'idejh għandu xogħlijiet oħra li qed jaħdem fihom bil-ħeġġa ta' żagħżugħ.

# IL-PROFETA

Ta' Emanuel Agius

Jiena, Peter John Abela, li qiegħed nikteb, għandi sittin sena. Kont ġejt hawn, l-Amerika, erbgħin sena ilu, billi jien kont wieħed minn dawk il-ħafna Maltin illi ħallew il-gżira wara l-ewwel gwerra kbira, mita kelli biss għoxrin sena. Ma kellix xi ngħid kontra art twelidi ħlief iċ-ċokon tagħha. Jien kont ridt ngħix iżjed fil-wisa', f'xi pajjiż kbir fejn kont nista' niġri kif kienet tixtieq qalbi. Issa, wara tant snin, nista' ngħid illi ma għandi l-ebda sogħba li għamilt dak li għamilt, u – ħaġa rari – nista' ngħid illi għext kuntent. Għallinqas għext kuntent sa sena ilu, għax dak li ġara f'Novembru ta' l-elf disa' mija u tnejn u sittin f'salt wieħed biddilli ħajti u għamilni bniedem ħosbien u inkwetat. Ngħidilkom għala.

Mela, malli wasalt l-Amerika, jiena m'għamiltx kif kienu jagħmlu tista' tgħid il-Maltin kollha. Jien ma kontx ġejt f'din l-art biss biex infittex ix-xogħol. Anzi nista' ngħid illi missieri – Alla jagħtih il-Ġenna – kien tani biex nieħu miegħi flus biżżejjed biex ngħix tajjeb, u hekk għamilt. Għall-ewwel sitt xhur ġrejt ma' biċċa kbira mill-*United States*, minn *Chicago* sa *New Orleans*, minn *New York* b'dak l-għaġeb ta' *skyscrapers* tagħha sa San Francisco bil-port meraviljuż. Kien qisu ridt naqta' l-għatx ta' kurżità li kelli. Wara ċ-ċkejkna Malta dan il-pajjiż ta' kobor bla tarf, din l-art ta' siġar bla għadd, ta' xmajjar qishom ibħra, ta' bliet ikbar minn Malta kollha, kien donnu ġenninni. Imbagħad indunajt illi jeħtieġ naħseb għalli ġej, jeħtieġ inlesti ruħi biex inkun nista' nikseb posizzjoni tajba. Kelli s-sens nuża tajjeb il-flus li kien jibgħatli missieri. Dan qiegħed ngħidu mhux biex niftaħar, imma għax naħseb illi huwa meħtieġ biex tifhmu tajjeb il-karattru tiegħi, biex 'il quddiem tkunu tistgħu tiżnu dak li se ngħidilkom. Inktibt fl-Università ta' Yale – naħseb illi kont l-ewwel Malti li qatt daħal hemmhekk u hemm qattajt erba' snin sħaħ, nistudja u naħdem bis-serjetà u bil-kwiet kollu. Kien fl-aħħar sena tal-kors li kien wassalni biex nieħu l-grad fil-letteratura li ltqajt ma' Helen Robinson. Hi kienet qiegħda tistudja wkoll fl-Università imma kienet qiegħda tistudja x-xjenza u forsi għalhekk ma konniex iltqajna qabel. Kelli erbgħa u għoxrin sena u hi kellha dsatax. Kienet sabiħa kif jistgħu jkunu biss ċerti tfajliet f'dik l-età u l-ġmiel tagħha kien jintlaħaq biss mill-intelliġenza u l-għaqal tagħha. Intom naturalment ma tantx jinteressawkom il-ħajjiet privati tan-nies u għalhekk irrid naqta' qasir. Hu importanti, iżda, li ngħidilkhom dak

illi Helen kienet qaltli r-raba' darba illi aħna ltqajna, forsi għax hi kienet bir-raġun kburija minn dan il-fatt. Il-familja tagħha, min-naħa ta' missierha, kienet waħda mill-eqdem ta' l-Amerika, billi Jonathan Robinson kien wieħed mill-*Pilgrim Fathers*, wieħed minn dawk illi kienu ħallew arthom fl-1620. Kienu telqu minn Plymouth fuq il-biċċa qlugħ "Mayflower", biex ifittxu f'art ġdida dik il-libertà, l-iżjed reliġjuza, illi ma setgħux isibu fl-art fejn kienu twieldu. Wara tliet xhur tbaħħir kienu waslu l-Amerika, fejn illum hemm l-Istat ta' Massachusetts. Jonathan Robinson, il-biż-biżnannu ta' Helen, kien raġel tal-qrati u baqa' hekk fil-kolonja l-ġdida ta' New England. Fi ftit kliem nista' ngħid li Jonathan Robinson, xi tletin sena wara li midd sieqU fl-Amerika, kien laħaq imħallef. It-tifel tiegħu, li kien jismu wkoll Jonathan, mexa fil-passi ta' missieru, sar avukat, u għall-ħabta tal-1685 hu wkoll kien sar imħallef. Il-familja ta' Helen kienet familja mill-aħjar tal-*United States*, kien qisha waħda mill-familji nobbli, imma ta' nobiltà mrawma fuq ix-xogħol, fl-onestà u fl-għerf. Hassejtni kburi tassew mita Helen wara sena illi kien ili nafha, aċċettat illi ssir marti, u mita l-familja tagħha laqgħuni f'darhom. Wara kollox, jien ma kontx ta' nisel Amerikan qadim bħalhom, imma kont ħadt lawrja u ma nistax naħbi illi l-familja tiegħi wkoll kienet rispettabbli. Iż-żwieġ tiegħi mexxa għalkollox u lanqas inħossni li għandi niċħad illi jiddispjaċini minn ħajti. Kellna erbat itfal, żewġ subien u żewġ bniet, illi kollha laħħaqthom tajjeb. Nista' ngħid illi s'issa, għallinqas, bil-ħidma u bil-għaqal, għamilt suċċess minn ħajti. Issa għandi quddiemi problema kbir tassew. Bit-taħriġ li kelli dejjem sibt illi mita problema tiktibha, tħażżeż l-iswed fuq l-abjad, ħafna drabi taraha aħjar, tiċċara, u għalhekk, biex ukoll nitlob il-parir tagħkom, qiegħed nikteb dan.

Hija ħaġa stramba fil-ħajja illi kultant ħwejjeġ ta' l-ikbar importanza jitnisslu mill-iżjed ħwejjeġ ta' xejn. Ilwi kantuniera u forsi tiltaqa' ma' xi ħadd illi ibiddillek ħajtek; kieku bqajt miexi fi triq oħra ma kien ikun xejn minn dan. Aqbad ġurnal u ssir taf xi ħaġa li tagħmlek għani għal għomrok. Kieku dak il-ġurnal ma ftaħtux ħajtek kienet tibqa' xorta oħra. Kieku jien dak is-sibt wara nofs in-nhar, mita kont qiegħed indur mad-dar għax ma kellix x'nagħmel ma fittillix nitla' fi speċi ta' *store* jew maħżen illi kellna sewwa sew taħt is-saqaf tal-bejt, jew forsi kieku tlajt u ma fittillix niftaħ dak is-senduq qadim, jew kieku ma tħajjartx naqla' minn posthom dawk il-ħafna ħwejjeġ qodma kollha trab u għanqbut, li kien fih, kieku jien illum għadni bniedem kuntent mingħajr l-ebda inkwiet speċjali. Iżda d-dinja hekk hi. Is-senduq jien ftaħtu u l-ħwejjeġ qallibthom u sibt dak id-dokument hekk importanti. Anki mita sibt dak id-dokument stajt ma qgħadtx infittex li naqra dik il-kitba b'kalligrafija qadima bil-linka mitfija.

Imma d-dokument jien qrajtu u la hu hekk ma nistax naħrab mill-fatt. Dak li ġara ġara u issa li jinteressani huwa inkun naf x'għandi nagħmel. Id-deċiżjoni tkun tiegħi biss, imma billi tista' tolqot, tista' tgħid, lid-dinja kollha jekk nista' naqsam din ir-responsabiltà immensa nieħu gost mhux ftit.

Mela, kif għidt, kien wara nofs in-nhar għal xit-tlieta fl-10 ta' Novembru tal-1962. Kien temp tax-xita, u għalhekk kont ħassart ftehim li kelli ma' ħabib tiegħi biex noħorġu, u sibt ruħi d-dar, indur mingħajr skop ta' xejn. Tlajt f'kamra żgħira li kellna fuq id-dar, kamra bis-soqfa mżerżqa, billi kienet tiġi sew sew taħt is-saqaf tal-bejt – tafu kif inhuma magħmulin id-djar ta' l-Amerika bis-soqfa imżerżqin u mhux ċatti bħal tagħna. Mela kien hemm senduq qadim, li kellu ġo fih xi ħwejjeġ li marti kienet wirtet minn għand ommha u qatt biss ma ħarset lejhom. Bdejt noħroġhom waħda waħda dawk l-ilbies tal-ħarir bid-dbielet imfassla wisgħin wisgħin, il-famuż *crinoline*. Min jaf kemm kienu jleqqu fid-dawl ta' mijiet ta' xemgħat f'xi ballu tal-gvernatur ta' l-istat. Issa dawn kien qishom fjuri mid-biela, imma xi darba l-ġmiel tal-mara li kienet tilbishom kien jagħtihom il-ħajja, u omm marti naf li kienet ta' ġmiel bla qies, ġmiel li ma telaqhiex qabel ma telqitha l-ħajja. Hadt gost immiss u mmelles dak l-ilbies imma fl-aħħar sibt ħaġa li hemmhekk xejn ma kont nistenna. Kien hemm karta magħmula romblu u marbuta b'żagarella tal-ħarir aħmar irramat. Hassejt daqsxejn ta' skruplu illi nħoll iż-żagarella u niftaħ ir-romblu karti, imma kont żgur illi kien għadda tant żmien illi n-nies imsemmija kienu kollha ilhom neqsin mid-dinja u ma stajt nagħmel ħsara lil ħadd billi naqra dak id-dokument. Il-karta kienet safra u daqsxejn immuffata. Bdejt infarfarha u bdejt naqraha. Ftit ftit drajt il-kitba u l-Ingliż qadim illi kienet miktuba biħ. Kienet ittra, ittra tal-bużnannu ta' marti, Jonathan Robinson, dak li kien imħallef, lil ibnu Charles Robinson, u kienet ittra twila illi min kitibha kien għoddha bħala ħaġa importanti, kif tassew kienet.

Il-kittieb ta' l-ittra, mela, wara ftit paragrafi ta' kliem ġenerali, beda jiftaħ qalbu ma' "*My very dear son Charles*". Id-data ta' l-ittra kienet Diċembru tal-xxxx u fiha Jonathan Robinson beda jitkellem fuq ġrajja ta' sitt xhur qabel. Kienet ġrajja serja illi kienet inkwetat ferm lill-imħallef xwejjaħ. "Għażiż ibni", kiteb dan, "dak li ġara f'Ġunju li għadda milli jidher ħawwadlek ħsiebek mhux ftit. Nixtieqek tkun taf mela illi għalija wkoll dik il-biċċa xogħol kienet ta' nkwiet kbir u minħabba fiha għaddejt mhux ftit iljieli mingħajr irqad. Ifhem, iżda, illi jien nitkellem fuqha bħala biċċa xogħol. L-imħallef huwa bniedem magħżul mill-oħrajn. Hafna drabi jrid iġib ruħu qisu mhux bniedem huwa wkoll. Dak huwa x-xogħol tagħna l-imħallfin, u la huwa xogħolna u dmima jinħtieġ illi nagħmluh mill-

aħjar li nistgħu. Bl-għajnuna t'Alla rridu nimxu skond il-liġijiet kif ġew lilna mgħoddijin minn misserijietna u kif nistgħu nifhmuhom bid-dehen li għandna. It-traġedja ta' Andrew Carmichael kienet traġedja kbira. Bħala bniedem – u wkoll bħala wieħed li darba kien ħabib ta' Andrew Carmichael – ma nistħix ngħidlek illi jiena xerridt dmugħ jaħraq għax-xorti li messet lil dak ir-raġel. Bħal mħallef jien nistqarr quddiem Alla li jien ma stajtx nagħmel ħaġa oħra ħlief dak li għamilt, u fl-aħħar mill-aħħar id-deċiżjoni tiegħi kienet id-deċiżjoni li ħadu l-ġurati kollha. Ma nistax ngħid, "kompla jikteb l-imħallef Robinson, qisu hu wkoll kien qiegħed iħares lejn il-ġejjieni bit-tibdiliet li kien sejjer iġib, "ma nistax ngħid jekk dak illi aħna llum inħossu huwa s-sewwa għadx jibqa' jingħad hekk fis-sekli li ġejjin, iżda aħna llum is-sewwa narawh hekk u aħna llum qed ngħixu, u għalina n-nies ta' New England, dak illi Andrew Carmichael għamel kien delitt kbir, ħaġa infami u Andrew kien ħaqqu l-mewt li tajnieh." Kienet din l-aħħar frażi illi ġagħlet għajnejja jaqbżu minn ħofrithom. Mela dik kienet l-affari. L-imħallef kellu jikkundanna lil wieħed illi fost kollox darba kien ħabib tiegħu sal-mewt u f'din l-ittra kien qiegħed jiftaħ qalbu ma' ibnu fuq dan il-każ. Ibnu, milli jidher kien sabha iebsa biex inizżel dik il-kundanna, u l-missier ried ifiehmu, kif hu bħala imħallef tabilħaqq għamel, bniedem li lilu ġie fdat il-ħarsien tas-sewwa, ma setax jagħmel ħaġ'oħra ħlief dak li għamel. Jien kelli kurżità kbira nara x'kien id-delitt li għalih Carmichael – kif deher iżjed 'il quddiem, skond l-użu orribbli u aħrax tas-seklu sbatax, nitkexkex ngħidilkom, kien ġie maħruq ħaj. Mhux ta' xejn l-imħallef u ibnu kienu baqgħu mħawdin f'moħħhom.

"Andrew Carmichael", kompliet l-ittra tal-imħallef, ried jieħu għalih xi ħaġa li kienet riservata lill-Mulej biss. Aħna nemmnu lkoll illi l-Mulej biss jista' jara dak li għad irid jiġi. Hemm min jaħseb illi l-profeti tat-testment l-qadim kellhom ukoll din is-setgħa, imma dawn kienu jixhdu illi kienu qegħdin jitkellmu fl-isem stess tal-Mulej. Dan Carmichael qatt ma ried jagħmel. Tajnieh iċ-ċans u hu ma riedx jiċħdu. Baqa' rasu iebsa sa l-aħħar. Kien igħid dak li qal għaliex deherlu illi moħħu kien tah id-dawl igħid hekk. Din, il-ġuri ta' nies bħalu, għoddha bħala ħaġa blasfema. Jien fehemthom il-liġi x'kienet tgħid, fehemthom bir-reqqa kollha, kif ukoll wissejthom x'ikun ir-riżultat tad-deċiżjoni tagħhom. B'dana kollu id-deċiżjoni ħaduha u ġara dak li ġara, l-imgħoddi għadda u aħjar inħarsu 'il quddiem."

Sa hawn l-ittra kienet interessanti ħafna u fhimt l-imġieba ta' nies li kienu għexu żewġ sekli u nofs qabli, imma ma kontx inħoss li kienet qiegħda tolqot lili. L-interess tiegħi kien qisu ta' wieħed qiegħed jara xena f'teatru li fiha ma għandux x'jaqsam, imma ftit iżjed il quddiem dan

tbiddel f'xi ħaġa wisq iżjed serja. Komplejt naqra, folja wara l-oħra ta' dik l-ittra twila. "Dak li kien jgħid Andrew Carmichael," qal l-imħallef, "ma ħalla ebda dubju fija illi fih kien qiegħed jitkellem xi spirtu ħażin illi kien ippossessa ruħu minn ġismu. Jiena lil Andrew kont nafu bħala bniedem tassew onest. Kien is-surmast ta' l-iskola ta' belt żgħira u n-nies ta' hemm kollha kienu jirrispettawh. Imbagħad f'salt beda din l-istorja li kellha tispiċċa hekk traġikament. Għalxejn widdbuh sħabu u ħbiebu. Fl-aħħar kellhom jieħdu l-pass kbir, il-pass illi ġabuh quddiem il-Qorti. Għalija żgur illi dak li kien jgħid Carmichael kien falz, kien xibka illi d-demonju ried jinseġ biha biex jaqbad il-bnedmin. Int taf, bejn wieħed u ieħor, x'kien bassar Carmichael. Għadni narah jien, għax ġie li smajtu u rajtu jien stess, b'dawk għajnejh imberrqin, wiċċu isfar qisu mejjet, bil-għaraq kiesaħ fuq ġbinu, mita kien jaqbad jagħfas id-driegħ tas-siġġu u jibda qisu jħares mitluf lejn il-ġejjieni. Kien il-veru bniedem immexxi min xi ħadd ieħor. Kien igħid, mela, li din artna, l-Amerika, għad tikber u tbati ħafna, għad issir għanja u setgħana, imma li qabel jiġri dan għad irid jiġri ħafna demm fuq wiċċ l-art. Kien ipprofetizza l-ġlied u l-firda, il-firda mill-Ingilterra li aħna minnha tnissilna, ġlied ma' l-Ingilterra u ġlied bejnietna. Qal li, għal sitt snin sħaħ, l-aħwa għad joqtlu' l-aħwa fuq din l-art ħielsa tagħna. Imbagħad, għal ħafna snin, is-sliem kellu jsaltan fuq artna, imma ħafna nies ta' nisel barrani għad jiġu u n-nies li kienu l-ewwel hawn għad jispiċċaw għal kollox. Dan kollu ntqal biex jitħawdu l-imħuħ. Carmichael qal ukoll li għad jerġa jkun hemm żewġ gwerer kbar, gwerer li jiġġilduhom fuq l-art u fuq il-baħar ukoll. Ara sa fejn jista' jasal il-gideb tad-demonju, fis-smewwiet stess! Kienu ħwejjeġ bħal din ta' l-aħħar li wrewna kemm kien il bogħod mis-sewwa Andrew Carmichael. Saqsejnieh biex ifisser ruħu, biex jgħidilna kif dan jista' qatt ikun, u hu ma setax ifehimna xejn, anzi kompla jħawwad. Għadni narah hemm jgħid dagħwa ikbar mill-oħra. Qal li hu kien jara żmien mita in-nies ikunu jistgħu iċaqalqu subgħajhom u jbiddlu l-lejl fin-nhar. Id-dinja għad tiġi imdawla bid-dawl ta' eluf ta' xemgħat u li l-iċken tarbija tkun tista' tagħmel dan. Qisu dan ma kienx biż-żejjed, qal Carmichael li n-nies, mingħajr ma jgħollu leħinhom għad ikunu, jistgħu jinstemgħu, sa l-inqas kelma, tagħhom, mijiet u eluf ta' mili 'l bogħod. Leħinhom għad jaqsam l-ibħra u l-muntanji u jkunu jistgħu jitkellmu flimkien qishom qegħdin fl-istess kamra. Jekk dawn mhumiex sħarijiet ħziena, ma nafx liema jistgħu jissejħu hekk! Carmichael qal li, mhux biss għad jitkellmu b'dan li mod, imma għad ikunu jistgħu jaraw lil xulxin għalkemm ikunu mifrudin mid-deżerti u mill-ibħra. Għad nistgħu naraw dak li jkun qed isir fil-ġenb l-ieħor tad-dinja dak il-ħin stess li jkun qed isir. Carmichael ipprofetizza li l-bniedem

għad jiġri fuq l-art u l-baħar iżjed bil-ħeffa mill-eħfef għażżiela, għad jiġri iżjed milli jiġri l-ħoss stess ġewwa l-ajru. Dawn ħwejjeġ li ma jkunux u ma jistgħu qatt ikunu, u ma kinux ħlief tentazzjoni għal niesna. Min qatt seta' għal waqt wieħed jemmen dak li Carmichael ried jgħid li qiegħed jara quddiem għajnejh – nies, biss biss, itiru b'makni kbar fis-smewwiet, mijiet ta' nies flimkien jaqsmu l-izjed ibħra wisgħin, fi ftit sigħat itiru minn post għal ieħor. Dan il-bniedem kien sar leħen ta' Satana u dan il-leħen kellu jiġi imsikket!"

Jien u naqra din l-istorja kollha, kont jien li issa bdejt nibża' u nitwerwer. Għall-imħallef Robinson, wara kollox, il-problema ma kienx kbir wisq wisq. Skond ma kienu jafu dak iż-żmien kien jidhrilhom ċar daqs il-kristall li Carmichael kien qiegħed jitkellem bħal wieħed miġnun. In-nies ta' New England kienu wlied il-Puritani, kienu nies ta' kuxjenza iebsa, li għalihom is-sewwa kien sewwa u l-ħażin ħażin, nies illi ma baqgħux lura, kif tixhdilna l-istorja, biex ineħħu lil dawk li kienu jaħsbu li huma misħutin, li fihom daħal Satana, kif għamlu bħala eżempju, ġo Salem, fl-1692, mita taw il-mewt lil dsatax-il mara li ħasbuhom sħaħar. Għalija il-problema kien wisq ikbar. Dak li kont qrajt sa hemm urieni li kulma qal Carmichael kien kollu veru. Kif kien ħaseb li dan għad isir ma stajtx nifhem, imma kull kelma illum aħna nafu li kienet l-iżjed verita ċara. Dak li kienu ħasbuh qerq, aħna nafu li ma kien xejn ħlief is-sewwa. "Għad jiġi żmien," Robinson kiteb, li Carmichael kien qal, "illi din artna għad tkun fi gwerra kbira u din il-gwerra tispiċċa f'daqqa waħda. Għad jidher dawl fis-sema qawwi daqs id-dawl ta' elf xemx f'daqqa, u minn dan id-dawl fuq belt imsejħa Hinoshipa (qed nagħtiha bl-izball b'kollox kif kienet imniżżla) għad joħroġ nar illi jeqred sittin elf ruħ f'daqqa." Kien dan il-kliem li werwirni. Issa l-profeziji ta' Andrew Carmichael bdew jolqtuni fil-laħam il-ħaj. Issa ma kienx għadu qiegħed jitkellem fuq il-gwerra ċivili ta' l-Istati ta' l-Amerika li fuqha għaddew tant snin, u inqas fuq l-ewwel gwerra tad-dinja. Issa wasal fi żmienna. B'dawk il-karti sofor f'idejja bzajt naqleb il-paġna biex nara x'qal iżjed dan il-profeta li s'issa kliemu kollu kien sar tassew. Hiroshima (wieħed jifhem malajr l-iżball ta' Robinson) għall-imħallef xiħ ma kienet tfisser propju xejn. Għalija kienet xhieda tal-verita ta' dak li dak il-bniedem ta' l-għaġeb kien ra żmien ilu. Ridt inkun naf x'ġej fil-paġna ta' wara? Ilna tant nitkellmu fuq il-gwerra u l-paċi, ilna tant naħsbu fuq il-ġejjieni. Hawn f'idejja kelli l-mezz biex inkun naf, u oħroġ l-għaġeb, donnu iżjed ma beda jersaq lejn żmienna, Carmichael iżjed kien beda jara ċar. Fl-aħħar għamilt sforz kbir, għax f'dak l-istat tassew kelli bżonn il-kuraġġ biex nagħmel dan, u qlibt il-paġna. U kif jiġri spiss fil-ħajja, l-ewwel ħaġa li sibt tatni mhux tkexkixa

imma ferħa. Fraħt l-iżjed forsi għax kont nistenna xi ħaġa ħażina. Carmichael qal illi fl-1965 għad ikun hemm żewġ bnedmin, li hu sejjaħ bħala Muskoviti, kif spiss kienu isejħu ir-Russi dak iż-żmien illi jaslu biex imorru fil-qamar. Mhux biss li waslu imma li reġgħu lura lejn l-art qawwijin u sħaħ u qalu li kienu sabu l-biċċa xogħol wisq eħfef milli kienu ħasbu li se jsibuha. "Ara," għedt bejni u bejn ruħi, "mela hekk se tispiċċa dik il-famuża tiġrija. Il-ġurnali tal-1965 se jkun fihom xi ħaġa tassew interessanti x'taqra." Din l-aħbar, dil-profezija li, għall-imħallef Robinson kienet xhieda oħra tal-ġenn u l-ħażen ta' l-akkużat, kienet għalija ħaġa mistennija.

Kont inkun kuntent kieku waqaft hemm, imma kien hemm kitba iżjed, u jien ma stajtx nieqaf. Ridt nieqaf imma ma stajtx, għax il-bniedem jiġi mmexxi, mhux mir-rieda tiegħu biss. U dak li qrajt wara kien tal-biża'. Robinson kiteb ċar ħafna li Carmichael kien widdeb li s-sena 1967 kellha tkun is-sena ta' l-ikbar traġedja. Carmichael qal, u hawn l-imħallef ta l-kliem stess ta' l-akkużat "Jien nara li fl-aqwa tas-sajf tal-1967 jinxtegħel nar fis-sema ta' l-Ewropa li jeqred kull fejn jilħaq. U hekk jispiċċaw il-bliet ta' Berlin fil-Prussja, ta' Hamburg u ta' Munich fil-Bavarja, il-belt ta' Milan u ta' Ruma l-qadima, ta' Berne u ta' Ginevra, ta' Brussels u t'Amsterdam, u l-belt ta' Pariġi bil-miljuni ta' nies li għad ikun hemm fihom fl-artijiet bejniethom. Jien nara l-ħerba u l-qerda, in-nirien u l-mewt kullimkien, u għal snin sħaħ il-qalba ta' l-Ewropa tkun battala min-nies u minn kull ħolqien, u ma jkunx hemm werqa waħda ħajja fejn tant kienu dari jħaddru. Henjin aħna li f'dak iż-żmien ma nkunux ngħixu." Hekk temm il-profeziji tiegħu dak l-imsejken bniedem li lilu b'xi mod misterjuż kien ġie mogħti id-dehen li jara l-ġejjieni. La sirt naf daqshekk jien ridt naf iżjed. X'ser isir wara? Il-għala l-profeta kien waqaf hemm? Forsi għax ma kien ser ikun hemm xejn iżjed x'jara? Ħadd ma kien emmnu u ħarquh ħaj, għax ma kienx ried jiċħad li dak li kien qed jara kien is-sewwa!

Wara li qrajt dan, mita nixef min fuq moħħi l-għaraq kiesaħ li kien xaqq għalija, sibt ruħi wiċċ imbwiċċ ma' ħafna problemi. L-ewwel kienet din: Carmichael kien jara is-sewwa? U kif stajt naħseb jien li kienet se tkun falza profezija waħda, mita tant oħrajn kienu veri sa l-inqas kelma? Imbagħad hemm biċċa oħra. Dak li ġej nistgħu nbiddluh, jew miktub qabel b'mod li ma jistax jitħassar? Jiġri kif jiġri, għax ma nkunux nafu li se jiġri? Kieku nkunu nafu x'jista' jiġri, aħna nistgħu nġibu ruħna b'mod ieħor u nbiddlu dak li kellu jsir? Kustjoni oħra, forsi ta' importanza iżgħar, kif u għala kellha ssir dik l-isplużżjoni fuq Berlin? Carmichael stess ma kienx jaf fuqiex kien qed jitkellem, imma, aħna nafu issa li kienet se tkun xi bomba tal-idroġenu jew tal-kobalt li jkollha s-setgħa tfarrak u

teqred dawk il-bliet kollha f'daqqa.

L-aħħar u l-ikbar ħaġa għalija hija din. X'nagħmel fuq dan kollu? Mita ngħid dak li għedt lilkom, niġi emmnut? In-nies jaħsbu li nventajt kollox jien, li rrid inħawwad l-imħuħ jew li qiegħed niġġennen? Ma tmurx tmiss lili x-xorti kiefra li misset lil Carmichael? Jien naf li għadni f'sessija. Dawk il-karti li kelli f'idejja mhumiex ħolma u ma nistax ma nagħmel xejn fuq il-kustjoni għax il-kuxjenza ma tħallinix. Naħseb li, bħala Amerikan, inressaq l-affari quddiem l-ogħla nies tal-pajjiż, quddiem il-President u forsi quddiem il-United Nations. Ir-responsabiltà nkun għaddejtha. Minn issa sa l-1967 jien ma nistax għal waqt wieħed naħseb fuq ħaġa oħra. J'Alla jasal l-1968 u nsib li kollox kien ħolma. Imma għalija u għalikom, nistgħu ngħidu jekk l-1968 jasalx?

## NIŻLA

*Eluf, eluf, miljuni,*
*Neżlin, neżlin, neżlin,*
*Man-niżla ta' għamilhom,*
*Ta' ħsiebhom, imwerwrin.*

*Eluf, eluf, miljuni,*
*Tilgħin, tilgħin m'għaqbiet,*
*Milwija tnejn taħt toqol*
*Li xewqthom biss għabbiet.*

*Tilgħin... neżlin. Min jaħseb*
*Li miexi dritt aktarx*
*Li dieħel fi sqaq agħma,*
*Mudlam, li ma jsabbarx.*

*U l-bniedem miblugħ jgħajjat,*
*"Agħtuni, ixegħlu d-dwal!*
*Mbux qed nara fejn miexi,*
*Dlam għaqli kiber... twal".*

*Għaliex qabża ta' targa,*
*Habib, tagħmilha rdum?*
*Jekk tħares lejn is-sema*
*Id-dawl tarah kuljum.*

CHARLES VELLA

ROYAL UNIVERSITY OF MALTA MAIN LIBRARY

# DAK IN-NHAR TAL-ĠUBLEW

Ta' Laurence Mizzi

Billi dik is-sena kien jaħbat egħluq il-ħamsa u għoxrin anniversarju mit-twaqqif tal-każin, kulħadd kien tal-fehma li jagħmlu festi tabilħaqq xierqa biex ifakkru din il-ġrajja storika. Kien hemm suġġerimenti li jagħmlu stendard ġdid bl-arma tal-każin irrakkmata fid-deheb; li jżanżnu sett kurunetti u platti; li jwaħħlu rħama kommemorattiva mal-ħajt tal-każin; u fuq kollox li jtellgħu aktar murtali u kaxxi infernali mis-soltu. "Dawn is-suġġerimenti," qal il-kaxxier bi kburija parlamentari, "jeħtieġu l-fondi, iżda nittamaw li l-ġenerożità tal-membri kif ukoll tal-benefatturi tagħna ma tonqosx. Min-naħa tagħna aħna għandna pjani oħra biex niġbru l-flus meħtieġa." U dawn il-pjani ma kenux ħaġ'oħra ħlief li bis-sewwa jew bid-dnewwa jdeffsu lis-sur Tonin fil-kumitat. Niftiehmu, ma kenitx ħaġa ħafifa. Il-fjask ta' l-aħħar elezzjoni kien għadu frisk wisq f'moħħ is-sur Tonin, meta minkejja l-flus li kien tajjar, mhux biss baqa' l-art, iżda tilef l-għoxrin lira u waqa' f'ħalq it-tfal. Minħabba f'hekk kien ħalef li sold ieħor minn butu ma joħroġx u lejn il-każin ma jħarisx. Iżda l-membri kienu jafu li ż-żmien inessi, u għalhekk qabbdu lit-tabib Axiaq, li minnu s-sur Tonin kellu suġġistjoni kbira, biex jara kif jagħmel u jdawwar fehmt is-sur Tonin. It-tabib ma tilifx żmien, u l-Ħadd fil-għodu bagħat għalih ma' Rożi s-seftura. Tilqgħu fil-bieb kien hemm is-sinjura Amelja.

"Bon giorno, sur Tonin ... Idħol ... Tommy qed jistenniek."

"Ara s-sur Tonin! Idħol 'l hawn. Ejja ħa noqogħdu npaċpċu ftit."

"X'inqala' tabib?"

"U le, xejn ... xejn ... Xtaqt inkellmek naqra. Poġġi. Ara xi tgħidli għal dawn is-sigarri, iddubbajthom baxx baxx. Jiena sibthom tajbin ħafna, u anki għas-sogħla nirrikmandahom. Ċikka kif għadditilha riġilha? Xi mument irrid nasal wasla. Ma għandhiex għalfejn timla rasha. Jekk tibqa' tagħmel minn dak l-ingwent li tajtha ma għandhiex għax tmur ħażin ..."

Ha erba' nifsijiet twal, u meta l-kamra mtliet bid-duħħan, it-tabib reġa' beda:

"Naf li m'intix ser tieħu pjaċir b'li ser ngħidlek, imma għandna bżonnok. Ara *Toninu*, inti taf li din is-sena il-każin ser ifakkar il-ġublew tal-fidda, u kif tista' taħseb, irridu nagħmlu festi li jibqgħu jissemmew. Biss, biex nibdew, irridu kumitat ġdid ... jekk jista' jkun, l-aħjar nies tar-raħal. Ġorġ is-surmast ġa qalli li jaċċetta. Inkunu int u jien nagħmlu differenza,

xi tgħid?"

Is-sur Tonin baxxa rasu, u b'wiċċ li tassew kien iġiblek ħniena, beda jlaqlaq skuża wara l-oħra. L-ewwel qallu għax ma jinqalax, imbagħad għax ibati bl-istonku ... għax huwa nervuż ... u mhux tajjeb għal dawn l-affarijiet ... għax jibża' li jiġrilu bħall-aħħar elezzjoni u ma jitlax ... għax Ċikka titilqu u hu ma għandu 'l ħadd min idur bih. Kull skuża li s-sur Tonin kien iġib, it-tabib Axiaq kien iwaqqagħhielu bħal tazza ilma: daqqa billi jtaptaplu fuq spallejh, oħra billi joffrilu sigarru ieħor, daqqa billi jaljenah u jdawwarlu l-kliem. Insomma, għal kull skuża sablu tapp, minbarra għall-aħħar waħda. Għall-ewwel darba wiċċ it-tabib deher imħasseb. Fl-aħħar mill-aħħar, is-sur Tonin deher li kien irnexxielu jagħmel toqba kbira biżżejjed fix-xibka tat-tabib biex igħaddi minnha. Iżda x-xorti riedet li dak il-ħin daħlet is-sinjura b'gabarrè li kien fih żewġ grokkijiet u xi ftit gallettini. Għad-dehra tagħhom għajnejn is-sur Tonin bdew jibbru. It-tabib ħares ħarsa lejh, ta daqqa ta' għajn lejn martu u "Ejja għax tikshilna, sur Tonin" qallu b'nofs daħka.

Kienu għadhom ikemmxu xufftejhom u jqaħqħu minn taħt meta t-tabib reġa' bdielu, did-darba quddiem martu.

"Kif, allura x'inhi r-raġuni li l-mara ma tantx għandha ħajra tarak fil-kumitat?"

"U ... għax ma tafx ...? Mhux għax se tindaħalli, imma għax ma tridx tarani nitbaqbaq, speċjalment fuq li kien ġrali ..."

"Ma għandhiex tort sa barra, niftiehmu Tonin, għax min jaf kemm-il darba nkwetajtha 'l Amelja. Imma ma nafx la tkun tinteressa ruħek, bħalek u bħali, aktar titmashan jekk tkun barra l-kumitat."

"Minn daqshekk, veru ..."

"Barra minn hekk, Toninu, meta nilħqu l-età tagħna nderru rridu, mhux hekk?"

"Mitt darba u elf ... Għax taf x'ini, miskina Ċikka dejjem weħidha u jekk inkun fil-kumitat tibda tiddejjaq ..."

"Għal daqshekk tħabbilx rasek," ħatfu t-tabib, "kull meta jkollna laqgħa, tibda tmur għaliha Amelja u ġġibha hawn."

Għal kliem bħal dan, is-sur Tonin ma setax isib tweġiba. Aktar u aktar billi s-sinjura baqgħet il-ħin kollu tħares lejh. L-għaraq qabad se jxoqq għalih. Beda jħares lejn il-pittura mdendla mal-ħajt, mingħajr ma beda jaraha. Hakk imnieħru kemm-il darba u telgħetlu xerqa kerha.

"Allura x'se tgħidilna, Toninu?" impusturaħ it-tabib.

"Insomma rispett tiegħek taf, u tas-sinjura."

"U mel'hekk! Mur ġibilna tnejn oħra milli jaħarqu, Amelja, jekk jogħġbok u tagħmilx ftit."

Meta d-direttur tal-każin waħħal fis-sala l-inkwatru bil-lista tal-kumitat il-ġdid, il-president ma kienx għajr Anthony Callus, magħruf ma' kulħadd bħala s-sur Tonin. It-tabib Axiaq b'għemil kbir ta' ċaħda kien laqa' li joqgħod viċi president.

Il-festa l-kbira kienet qed toqrob u t-tħejjijiet, il-ġbir u t-tħabrik ma setgħux jonqsu li jħallu l-frott tagħhom. Kulħadd għen kemm seta', il-biċċa l-kbira billi daħħlu jdejhom fil-but u baqgħu mċaħħda minn dik ix-xi ħaġa żgħira. Oħrajn 'il-membri l-ħorox taw saħħithom u l-ħin tagħhom, jaħdmu fl-injam, ibajdu, jiżbgħu u jaqilgħu u jwaħħlu madum. In-nisa lanqas baqgħu lura, billi min kien jinqala' qagħad iħit bnadar, stendardi u paviljuni, kif ukoll il-purtieri tal-każin li nqatgħu ġodda għall-okkażjoni. Kif kien mistenni, is-sur Tonin bħala l-president, għoġbu jagħmel minn butu d-donazzjoni ġeneruża ta' mitejn lira sterlina. Ma kenitx ħaġa ħafifa ddawwar lil mart is-sur Tonin favur l-għoti tal-mitejn lira. Iżda meta l-mara tat-tabib stess, fuq ordnijiet ma għandniex xi ngħidu ta' dottor Axiaq, tarrfitilha li kienu se jdendlu żewġ kwadri taż-żejt fis-sala, wieħed tagħha u l-ieħor tiegħu; u meta s-sur Tonin ħabbrilha li għandhom jistiednu lill-Gvernatur u li hija se tkun preżentata lill-mara tiegħu, allura Ċikka, bħas-soltu, għalqet ħalqha u bdiet tixtieq iż-żmien igerbeb ħalli r-raħal kollu jkun jista' jaraha mdandna, kif wara kollox kien jixraq lill-mara tal-president tal-każin.

U jum il-festa wasal. Kulma kien imħejji sar b'sodisfażżjon kbir tal-membri tal-każin u l-partitarji. Iżda l-qofol kien il-Ħadd wara nofs-in-nhar, meta l-Gvernatur, wara t-tberik mill-Kappillan, kellu jikxef l-irħama li kellha tibqa' tfakkar dak il-jum glorjuż.

Nofs siegħa qabel il-wasla tal-Gvernatur, il-misraħ kien maħnuq bin-nies, u l-bandisti kienu għall-lest fuq il-planċier, kemm jagħtihom is-sinjal is-surmast u jibdew il-*God Save*. Tal-kumitat bin-nisa tagħhom, fosthom is-sur Tonin u martu, kienu fuq il-parapett, kollha herqana jistennew il-wasla ta' l-Eċċellenża Tiegħu. Fil-ħin preċiż, il-karozza sewda dehret riesqa, quddiemha żewġ muturi tal-pulizija. Għal din id-dehra, il-folla miġbura fil-misraħ infexxet f'ċapċip kbir, il-musketterija bdiet tfaqqa' bla ħniena fil-waqt li l-banda daqqet l-Innu Nazzjonali. Wara li ħadu b'idejn il-membri tal-kumitat u n-nisa tagħhom, it-tabib Axiaq kif kien mif-tiehem minn qabel, għamel diskors fejn fakkar, mingħajr ma ħalla xejn barra, is-sehem tal-każin fil-ħajja kulturali u soċjali tar-raħal. Imbagħad il-Gvernatur ġie mistieden biex jikxef l-irħama kommemorattiva li ġiet imbierka mill-Kappillan fost iċ-ċapċip tan-nies u t-tlugħ tal-kaxxi nfernali, li ntemmu ma għandniex xi ngħidu bil-bombi tal-ġelatina. Imbagħad telgħu fuq, fis-sala fejn kien hemm jistenniehom trattament bil-kif. Iżda l-pro-

gramm, li sa dak il-ħin kien miexi ħarir, sfratta f'daqqa x'ħin fis-sala daħlet Ċikka. Mart is-sur Tonin kienet ilha x-xhur is-sħaħ tħewden fuq dik il-pittura taż-żejt li kellhom idendlu fis-sala tagħha u ta' żewġha. Tistgħu taħsbu kif baqgħet x'ħin faċċata, fl-aktar post prominenti lemħet ix-xbieha tagħha. Issa Ċikka kienet taf, għalkemm bħan-nisa kollha qatt ma kienet tasal biex tammetti, li ma jistax ikollok pittura b'wiċċ sabiħ jekk wiċċek ikun ikreħ. Iżda l-pittur lanqas kellu l-jedd li b'daqqa ta' pinżell joħdilha l-ftit li n-natura b'xeħħa kbira kienet tatha. Ġmiel, huwa minnu, ftit li xejn kellha – wiċċha kien żgħir wisq għal bqija ta' rasha. Madankollu għajnejha żoroq lewn il-baħar fond, kbar u ċari kienu jiġbruha, u b'xi mod ipattu għan-nuqqasijiet l-oħra. Mhux ta' b'xejn baqgħet b'ħalqha miftuħ x'ħin rat li l-pittur, jew b'kapriċċ jew b'nuqqas ta' ħila, kien qerdilha l-ħaġa waħdanija li kienet titpaxxa biha meta tħares lejn il-mera. Minflok kbar u ċari, għajnejha kienu issa żgħar bħal ta' qażquż, u dak li hu agħar, waħda tħares 'l hawn u l-oħra tħares 'l hinn. Biex tagħqad, Ċikka dehrilha li rat lis-sinjura tal-Gvernatur u lill-mara tat-tabib iħarsu lejn il-pittura, imbagħad lejha u jitbissmu minn taħt. Ma kinitx tbissima għax f'daqqa waħda daret lejn żewġha u b'garġi daqshiex qaltlu:

"Din il-pittura kollha li kellhom jagħmlu tiegħi? Haduhom il-mitejn lira u t-tabib Axiaq u sħabu?! Mur obsor kemm jafu jagħmlu l-affarijiet tal-każin . . .!"

Għal dan il-kliem kulħadd dawwar għonqu u x'ħin lemħu 'l mart is-sur Tonin f'dik id-dagħdigħa baqgħu ssummati. Żewġha nbela', iżda wara ftit ipprova jikkalmaha. X'tikkalma! Aktar bdiet tgħajjat.

"Dażgur" werżqet, "int għal qalbek għax ġiebek tajjeb lilek, aħjar milli int! Imma mhux se jitpaxxew minn fuq dahri dawn in-nies, għax ara x'qed ngħidlek, irridek taqilgħu issa stess!"

"Imma issa?! Quddiem dawn in-nies?! Quddiem il-Gvernatur u l-Kappillan?!"

"Ma jimpurtanix mill-Gvernatur u l-Kappillan u t-tabib Axiaq! Ara x'għidtlek, aqilgħu issa stess qabel ma nagħmel xi waħda kbira!"

Kull min kien hemm fehem li kien ikun jaqbel jekk dak il-kwadru jinqala' minn fejn kien. Għalhekk it-tabib Axiaq qabbad lil Ġamri l-bidillu jniżżlu minn hemm fuq bla telf ta' żmien. Kif kien f'idejn Ġamri, Ċikka ħatfithulu u, bi ħruxija ta' tigra muġugħa, daħħlet difrejha fil-pittura u baqgħet nieżla s'isfel. Imbagħad qabdet il-gwarniċ u fis-saħna li kellha għattnitu bħallikieku kien tal-kartun. Imbagħad daret lejn żewġha u b'wiċċha jtajjar innar qaltlu:

"Imxi lejn id-dar u iftaħ għajnejk tirfes l-għatba ta' dal-post għax jarralek."

It-tabib Axiaq għamel ħiltu kollha biex isewwi l-ħsara li kienet saret, iżda l-imġieba ta' Ċikka lill-mistednin kienet regħxithom bla tarf, hekk li wara ftit bdew iħallu ħesrem u t-thejjijiet li kienu ilhom sejrin ix-xhur sfaw fix-xejn.

Dak il-lejl ħafna kienu n-nies li ma għalqux għajn ma' għajn, iżda forsi l-aktar wieħed li dam jitqalleb, minbarra s-sur Tonin, kien it-tabib Axiaq. Kien hu li ħajjar lis-sur Tonin joħroġ għall-Kumitat, u kien hu li qabbad lil Ġakbu jagħmel dawk l-imberkin ta' kwadri. Aktar ma beda jaħseb f'hekk, aktar beda jiftakar fil-għajb li kien waqa' fuq il-każin, sewwa sew fil-jum meta kulħadd kien ħaseb li ser jitniżżel b'ittri tadd-deheb fil-ġrajja tar-raħal. Għalkemm bl-ebda mod ma seta' jaħfirha lil Ċikka għall-imġieba tagħha, huwa deherlu li Ġakbu ma kienx ħieles għal kollox mill-ħtija ta' dak li ġara. Wara kollox, hu pittura kien qabbdu jagħmel u mhux karikatura. Għalhekk għodu għodu bagħat għalih. Ġakbu daħal quddiem it-tabib qisu kelb mismut.
"Ridt xi ħaġa, sinjur?" staqsa Ġakbu minn taħt ilsien.
"Ma tafx għalfejn bgħatt għalik? Hemm x'fettillek ...?"
"Għal pittura qed tgħid?"
"Mela għal xiex? Dak x'fettillek ...?"
"U erħilha ħa tieħu!"
"X'jiġifieri?!" staqsa t-tabib imħawwad.
"Għax la trid taf," qallu Ġakbu waqt li ħa nifs qawwi bħal meta wieħed ikun qed ineħħi toqla minn fuq l-istonku tiegħu, "dak jien għamilt hekk mhux b'nuqqas ta' ħila, iżda minn rajja, ħa npattilha ta' kemm ħabbtitna fl-imgħoddi, meta ma kenitx tħalli lis-sur Tonin jersaq lejn il-każin. Dik ilha lesta aktar minn ħmistax u ma ġibthiex qabel ħalli ma tqabbadnix nerġa' nagħmilha. U biex nurik kemm li għamilt, għamiltu b'kapriċċ, lanqas flus ma rrid tagħhom, għalkemm għamilt aktar minn ħames liri spejjeż."

It-tabib Axiaq ma kienx jaf kellux jinfaqa' jidħak jew iwaqqa' kullimkien bl-agħjat għal din l-istqarrija tal-għaġeb. Iżda wara ftit dar lejn Ġakbu, u b'nofs daħka u nofs ċanfira qallu:
"Irringrażżja 'l Alla li ma kontx naf dan il-bieraħ fil-għaxija Ġakb, għax fit-telfa li kelli ma ridt xejn biex ngħid lis-sur Tonin. U ħu l-kelma tiegħi, li kieku s-sur Tonin sar jaf bil-biċċa, la hu ma kien jerġa' jidħol il-każin u wisq inqas int ... U mbagħad il-ġrajja tal-ġublew flok b'ittri tad-deheb kienet tinkiteb bid-demm. U l-għajb fuq ir-raħal kien ikun wisq akbar.

## IŻ-ŻIGARELLA
(*leġġenda*)

*Kien tifel twajjeb ħafna*
*għalkemm ta' seba' snin,*
*iħobb jiġbor is-santi*
*fi ktieb tal-qaddisin;*

*bekk kif fil-għodu kmieni*
*l-ewwel salib irodd*
*kien jiġri ħdejn il-qsari*
*il-fjuri jibda jgħodd;*

*jekk ikun hemm biżżejjed*
*fjuri bojod safjin*
*jew qronfol lewn id-dmija*
*jew ward tal-ġiżimin*

*idommhom bukkett ċkejken*
*bil-ħajta tas-satin*
*u jbushom waħda waħda*
*għax dak ward għall-Bambin.*

*Imbagħad fis-sagristija*
*jimla bl-ilma sax-xfar*
*il-bwieqi kuluriti*
*li jsib fuq xkafef żgħar;*

*wara joħroġ fil-knisja*
*ħdejn sħabu tfal ċkejknin*
*igħidilhom ir-rużarju*
*iżommhom miġburin.*

*Kull tant igħin xi quddiesa*
*jilbes bħal qassisin*
*qisu kanonku ċkejken*
*fuq rasu berettin,*

*hu żgħir biex jilħaq tajjeb*
*il-għoli ta' l-artal*
*u biex waqt il-Vanġelu*
*idawwar il-Missal;*

*kien igħin bil-qalb u l-ħeġġa*
*iwieġeb bil-latin*
*mas-sanctus sewwa sewwa*
*iċenċen tin .. tin .. tin ..*

*Iżda jum wieħed Pawlu*
*fil-knisja ta' ġol-wied*
*mar jitlob hemm bħas-soltu*
*flimkien mal-patrijiet.*

*Il-fjuri ta' ġol-bwieqi*
*isbaħ mill-fjur tal-ġonna*
*x'ħin qalb id-dawl tax-xema'*
*iżejnu lill-Madonna.*

*X'kien ġralu dan it-tfajjel,*
*Mitluf f'ħolma tal-ġenna?*
*Ġew l-anġli minn ġos-sema*
*u t'hemm dewqub il-benna?*

*Il-Knisja kienet għalqet,*
*kulħadd mar lejn id-dar,*
*l-arloġġ ta' fuq it-torri*
*kien ġa daqq nofs in-nhar;*

*it-tfajjel baqa' jitlob*
*fil-knisja l-ebda ruħ*
*ma ħassx l-għeja l-kedda*
*la għatx u lanqas ġuħ.*

*Il-ġuħ, il-għatx, il-għeja*
*in-ngħas, l-għomma u bard*
*kull għaks u kull tbatija*
*li taf tagħti din l-art*

*xejn m'huma għall-imħabba*
*basta tkun mal-maħbub*
*anqas jekk hija jkollha*
*għalib bil-mewt iddub;*

*issa qisu jitbissem*
*ibexxaq ftit xuftejh*
*issa qisu qed jitlob*
*aktar jorbot idejh*

*u t-tfajjel ċkejken jitlob*
*hemmhekk għal sigħat dam*
*la tħarrek anqas tniffes*
*qisu statwa ta' rħam.*

*U sidru jogħla u jinżel*
*x'ħin ċaqlaq ftit xuftejh*
*u bewsa kbira faqqa'*
*fuq tarf subgħajh t'idejh.*

*Temtem xi kliem bil-għaġġla*
*tnehida ta' xi krib*
*u resaq b'ġirja kbira*
*fl-artal ħdejn is-salib*

*u biesu reġa' biesu*
*fil-pjaga ta' riġlejh*
*u għanqu b'qalbu kollha*
*fetaħ beraħ idejh.*

*"Għażiż Ġesu ta' qalbi"*
*temtem Pawlu bil-mod;*
*irrid ingħidlek ħaġa*
*qallu qisu jirtogħod.*

*Bħal lum tmint'ijiem sewwa*
*ser nagħmel il-preċett*
*u tiġi ġewwa sidri*
*li ħabb mill-bidu nett.*

*U ruħi issir il-ġenna*
*tgħannilek il-għanijiet*
*bħal kif fis-sema jgħannu*
*l-anġli qtajjiet qtajjiet.*

*Għajnejh bid-dmugħ ileqqu*
*bin-niket magħsurin,*
*x'kien hemm moħbi ġo qalbu*
*jidher f'ħaddejh sfajrin.*

*il-ġilju tat-tfulija*
*li fetaħ f'din il-qalb*
*imsoqqi bit-tjubija*
*li tisma' f'dan it-talb.*

*Nagħtik warda — mħabba*
*ma fiha l-ebda xewk*
*— kif jagħmlu n-nies il-ħżiena*
*biex bihom iweġġgħuk.*

*Nagħtik din qalbi ċkejkna*
*iżommha biss għalik,*
*norbotha irrid ma' qalbek*
*biex żgur qatt ma tħallik.*

*Nagħtik din ruħi kollha*
*ma fiha l-ebda dnub*
*nagħtik kull ma għandi fiha,*
*kollox għalik maħbub.*

*Biss ħaġa nixtieq ngħidlek*
*tinsiex li jiena fqir,*
*missieri marid ħafna*
*mindu waqa' fil-bir.*

*Niftakar xahrejn ilu*
*kien jaħdem lejl u nhar*
*kulħadd kien isejjaħlu*
*biex iħaffer il-bjar.*

*L-isbaħ għanja tas-safa*
*ninsiġlek f'dak il-jum,*
*l-aħjar ġilju noffrilek*
*isbaħ minn ta' l-irdum.*

*Missieri kien qam kmieni*
*mar inaddaf xi bir*
*biex ma jqajjimx liċ-ċkejken*
*bla ħoss xtaq kieku jtir.*

*Kien waqa' minn dak l-għoli*
*kiser riġlejh it-tnejn,*
*minn ħalq il-mewt kien ħeles*
*għax-xogħol ma jiswa xejn.*

*Ommi tqawwilu qalbu,*
*jiena nitlob għalih*
*biex il-Madonna tiġi*
*u tfejqu mill-uġiegħ;*

*biex nhar l-ewwel tqarbina*
*jien nilbes bħall-oħrajn,*
*inferraħ lil missieri*
*infarraġ lil kull għajn.*

*Ommi ħetitli libsa*
*bil-flus li jiena qlajt,*
*il-flus tatħomli z-zija*
*meta lilha mort rajt.*

*Hemm ħaġa li tonqosni*
*ma nista' nġiba qatt,*
*iż-żigarella bajda*
*ma qlajtha minn għand ħadd.*

*Iżda jum wieħed xitwi*
*ma' nista ninsa qatt*
*il-qatgħa kbira kbira*
*li dak il-jum kont ħadt;*

*Ġesu minn fuq il-għuda*
*hemm wieqfa tas-salib*
*niżel u 'l Pawlu għannaq*
*x'ħin resaq lejh fil-qrib.*

*Imbagħad it-tabernaklu*
*fetaħ bil-ftit il-ftit*
*dar fuq Pawlu w qallu*
*hawn hija dik li trid.*

*U kif bil-għatx ilebleb*
*taħt xemx ta' nofs in-nhar*
*iċ-ċerv bil-ġirja waħda*
*għal xi għajn ilma ċar,*

*hekk Pawlu telaq jiġri*
*bħal vleġġa ttir mar-riħ*
*lejn dak it-tabernaklu*
*li b'ferħ u hena mlieħ.*

*U ħa ż-żigarella*
*li jilbes fuq idejh*
*fil-jum l-isbaħ ta' ħajtu*
*bil-qraba kollha ħdejh.*

*Għal dan il-kliem hekk ħelu*
*il-knisja mtliet bid-dija*
*u fwieħa t'inċens jaħraq*
*u għana ġeġwiġija.*

*Issa nixtieqek twegħedni*
*li tibqa' tibż' għaliha,*
*bla tebgħa rridha lura*
*bla ebda tebgħa fiha.*

*Pawlu niżżel ftit rasu,*
*ġismu kollu jirtogħod*
*u nifsu qisu żammlu*
*x'ħin qal "iva" bil-mod.*

*U ħareġ minn ġol-knisja*
*fi triqtu lejn id-dar*
*skantat u mnixxef sewwa*
*mibdul bħal lejl minn nhar.*

*Kien ħsiebu li jgħid 'l ommu*
*u lil missieru wkoll*
*b'dak li ġarrab fil-knisja*
*u kull qalb kien iħoll.*

*Imma fuq ħajt tal-għalqa*
*kien hemm moħbi xitan*
*kien raġel jafu sewwa*
*minn Alla mhux beżgħan.*

*Kif dan lemaħ lil Pawlu*
*waħdu f'dak il-mument*
*kellmu f'widnejh u stiednu*
*bil-ħażen ta' serpent.*

*Iżda Ġesu kien qallu:*
*tinsiex inti kif ħadtha*
*bħas-silġ bajda bla nikta*
*la mtebbgħa u la mqattgħa.*

*Iżda r-rieda ta' Pawlu*
*hi esħeħ mill-azzar*
*u żgiċċa telaq jiġri*
*qisu maħrub għad-dar.*

*Fi triq imħarbta kollha*
*u mwarrba minn kulħadd*
*Pawlu ġera kemm felaħ*
*minn hemm ma għadda qatt.*

*Ir-raġel ta' bla ħniena*
*waddabblu żewġ ġebliet*
*laqtu fuq nagħsu sewwa*
*u t-tfajjel hemm hekk miet.*

*Waqt l-aħħar nifs ta' ħajtu*
*iż-żigarella bies*
*u sabha tebgħa waħda*
*u tnikket mingħajr qies.*

*Imma leħen mis-sema*
*kiser dak id-dulur*
*u qallu: "ifraħ! ifraħ!*
*id-demm tebgħa t'unur,*

*id-demm kien prezz il-fidwa,*
*id-demm hu l-isbaħ ġieħ*
*met' inti għall-ħaddieħor*
*ixxerred u tagħtih.*

*Biex dan joffendi 'l Alla*
*u jagħmel xi dnub kbir*
*hemm hekk fejn ħadd ma jara*
*dak li kien ser isir.*

*U f'dik it-triq imwarrba*
*minnha ma jgħaddi ħadd*
*inbniet kappella ċkejkna,*
*il-lum igħaddi kulħadd;*

*u fiha żgħażagħ oħra*
*novizzi patrijiet*
*jagħtu qalbhom lil Alla*
*sabiħa bla ħtijiet.*

*U jekk fil-ħajt madwarha*
*jinħeba xi xitan*
*juruh iż-żigarella*
*u dan jitlaq beżgħan.*

Patri Dijonisju Mintoff, o.f.m.

## IL-PASSA TAL-GAMIEM

*Niżlet iżżiġġ mal-quċċata bħal vleġġa*
*U fetħet il-ġwienaħ xewqana;*
*B'denbha mrewħa bil-ħeġġa*
*Perpret ħerqana*
*Fis-skiet.*
*Fil-wied*
*Fis-siġar ħadrana,*
*Sabet gamiem bil-mijiet*
*Ibarqam. Imħabba setgħana*
*It-trejqa twila wriethom fis-smewwiet.*

T. Cini

## IL-GHANJA TA' PAWLINU*

*Tifel bil-għaqal*
*Pawlinu tagħna,*
*Jagħmel kemm jista'*
*Biex jaqbel magħna.*

*Tifel tal-ġabra,*
*Li jibża' għaż-żmien;*
*Barra minn ħinu*
*ma jmur imkien.*

*Jiġi filgħodu,*
*Biex jgħin quddiesa,*
*Għat-tokk tas-sebgħa*
*Widnejh għassiesa.*

*Minuta qabel*
*Ma jiġix ħdejk:*
*Biex tarah jilbes*
*Trid tkedd għajnejk*

*Iżda ftit wara*
*Jiġi kultant...*
*U l-ħtija taqa'*
*Fuq il-kwadrant*

*Ta' l-arloġġ mgħaġġel*
*Li juri ħinu*
*Qabel ma f'waqtu*
*Jasal Pawlinu.*

*Biss darba waħda*
*Iddawwar sewwa...*
*U jien nistenna*
*liebes hawn ġewwa.*

*Għaddew xi erba',*
*Ħames minuti...*
*Jien ħriġt inqaddes,*
*Biex naqdi 'l ħuti.*

*F'nofs il-Vanġelu,*
*Wasal Pawlinu,*
*U stagħġeb, stagħġeb*
*Kif ma ġiex f'ħinu,*

*U sabiex jista'*
*Jinħall mill-ħtija*
*Ġiebli raġuni*
*Li tiswa mija.*

*Iżda b'dan kollu,*
*Mill-qrib, mill-bgħid,*
*Pawlinu tagħna*
*Ma fihx xi tgħid,*

*U drabi nħossni*
*Nixtieq malajr,*
*Nagħtih xi ktejjeb*
*Biex nizzih ħajr.*

DUN KARM

* Pawlinu Sciberras il-lum għandu wieħed u għoxrin sena u huwa Soċju tal-M.U.S.E.U.M. Sydney l-Awstralja. Meta kont Sydney dan l-aħħar Pawlinu wrieni l-oriġinal ta' dawn il-versi miktuba minn idejn Dun Karm Psaila stess, b'kaligrafija soda u ċara, imma mhux iffirmati. Ma naħsibx li tezisti kopja oħra qalb il-MSS tal-Poeta u għalhekk tlabt 'il Pawlinu l-permess li nibgħathom għar-rivista.

DUN ĠUSEPP ABELA — 28.10.63

## "ALLA TAL-HNIENA"

*Tal-qlub għarriexi taf kull ħsieb li jgħaddi*
*Minn moħħ ta' l-inqas wieħed;*
*Int taf dgħufitu;*
*'Ma taf ukoll li xewqtu kbira, kbira;*
*Li le ma jafx għemilu –*
*Għaliex jekk jaf*
*Jara kif jagħmel jaħrab*
*Dak li hu mgħawweġ li telliflu triqtu,*
*F'riġlejk sogħbien jintasab*
*W il-maħfra tiegħek*
*Jittallab.*

*Tal-qlub għarriexi, tara qlub maqsuma,*
*Bi rwiefen imħarbtin –*
*Tar'hom iqumu,*
*Tar'hom jerġgħu imilu,*
*Mill-ġdid iqumu*
*B'ħarsa miksura għajjiena,*
*B'ħaddejhom mixrubin*
*Fuq ġbinhom għelm il-ħerba ir-raddiet*
*Tal-ħalel qliel minquxa,*
*U fuq xofftejhom karba sa mill-qiegħ*
*Qalbek jinfdulek*
*Li għax ħanina w tagħder*
*Taf tifhem;*
*Int driegħek biex tweżinhom*
*U trossbom miegħek*
*Malajr tnewlilhom.*

*Tal qlub il-għaxqa fit-tgħanniq tintilef*
*Ma' min erfajt,*
*U qalb ma' qalb taħbita waħda jħabbtu*
*U sħana waħda jħossu,*
*Il-hemm, il-għelt tnessih minn fejn inġabar*
*Ġrieħu b'demmek maħsula,*
*F'għajnejh mill-ġdid ileħħ id-dawl tal-hena,*
*Fuq ġbinu għelm il-paċi,*
*ħaddejh mixgħula b'dik l-imħabba ġdida*
*Li żgur ma titmegħikx,*

*U minn ġo fommu, minn qiegħ qalbu toħroġ*
*L-għajta ta' radd il-ħajr:*
*"Alla tal-ħniena!"*

14.ii.63 BR. BERNARD MALLIJA, S.J.

RWIEFEN

*Bir ir-Ruħ għamieq għaxar muntanji*
*U sitt widien wil-qiegħ ma jintlaħaqx*
*Ġo l-irdumijiet ta' ruħi*
*Bħal gozz ta' ġebel miexi.*
*Jixxabbtu u jiġġarrfu maqbudin*
*Fl-infiħ mudlam ta' rjieħ,*
*Jinbarmu bħal belliegħa f'bir ir-ruħ*
*Erwieħ mitlufa mingħajr xaqq ta' dawl*
*Iduru dawra mejt ma jaqtgħu qatt*
*Fl-ETERNITA ...*

*Ittawwalt ġo ruħi bħal min jittawwal ġo bir fond,*
*Niżżilt rampil u minnu dlonk tellajt*
*Dak kollu li ż-żmien xeħet ġewwa fih;*
*Imbagħad għalaqt għajnejja għax twerwirt*
*X'ħin rajt maħmuġ bil-ħama kull ma kien.*
*Tlaqt ir-rampil u kollox reġa' waqa'*
*Ċluff ... ċluff*
*Bħal ġisem mejjet mitfugħ*
*Ġo bir.*

*Subgħajja jħottu l-ħjut ta' kobba mħabbla,*
*Qawsalla lwien, kull ħajta hi memorja*
*Ta' ferħ jew għali li xi darba mlieli qalbi.*
*Dawwart ma' sebgħi ħajta twila ħadra;*
*L-aħdar tat-Tama, żmien li għadu ġej.*
*Hassejt xi ħadd jislitha minn ġol-kobba.*
*Harist u fhimt: Kien Alla jgħinni nħott il-kobba mħabbla.*
*Tgħid sema' talbi?*

8.12.64 Ġ. AQUILINA

## L-EWWEL IMRAR

*Fejn int sejjer, ħabib?*
*It-triq twila w imwiegħra!...*
*Kemm hu tqil is-salib*
*Ta' dil-ħajja hekk fiergħa!*

*Qalb żagħżugħa ħabbitek,*
*Fik il-hena ttamat,*
*U bi ħrara bisitek;*
*Fi tjubitek hi fdat.*

*La tistmerrx min iħobbok;*
*Għadek żgħir u bla hehen...*
*Aħseb sew, jien nitolbok;*
*Isma' 'l min lilek għen.*

*Issa, minnhom, trid titlaq;*
*Żewġt iqlub minfudin;..*
*Biex ftit ferħ inti tisraq*
*Waqt li huma mnikktin!...*

*Taf x'inhi, qalb ta' Omm*
*Li se tniffed u teqred?...*
*Qatt tpaxxejt b'dak il-fomm*
*Li minn ħajtek trid tifred?...*

*Għall-ġid tiegħek jien ħdimt...*
*W issa lili stmerrejt!*
*Aħjar kien li jien fhimt*
*F'lok li lilek ħabbejt!...*

*Żagħżugħ tari w bla ħjiena*
*La tkunx vittma tal-ħbieb!...*
*Lil min ħabbek bil-ħniena*
*La tagħlaqx f'wiċċu l-bieb!...*

25.iv.64 — BR. VICTOR, F.S.C.

## IN-NUMRU 16

*M'għandiex aktar minn sbatax. Fl-aħjar tagħha*
*'Ma wiċċha sfajjar jixhed it-tbatija*
*Li fnietha, u fil-qabar ser titfagħha.*
*Imsejkna tfajla! Il-mard hu xortijha;*
*Minn jum għall-ieħor tistenna bis-sabar*
*Li tkun aħjar, tamietha fil-fejqan.*
*It-tobba jafu li minn hawn għall-qabar*
*Fejn hemm fil-kesħa tista' ssib is-serħan.*
*Sħabba t-tfajliet joħolmu bit-tgawdija,*
*Moħħhom fiċ-ċajt, insew li ż-żogħżija*
*Tbaqbaq bis-saħħa u b'imħabba qawwija,*
*Għandha l-mard tagħha, il-hemm u t-tbatija.*
*Hemm fis-sodda sittax qalbha maqsuma*
*Tara ż-żgħożija b'salibha maħkuma.*

J. CAMILLERI

## L-GHANJA TAL-MEJTIN TAL-GWERRA

'e compie' mia giornata innanzi sera' Petrarca

*Fil-passi mgħaġġla bejn is-slaleb tagħna,*
*Hemm, fuqna, fejn ix-xemx tidħak ferħana,*
*Ieqaf, żagħżuħ, u aħseb daqsxejn fina,*
*Tgħaġġilx tħallina.*

*Int tgħix fil-hena, qalbek hi żagħżugħa;*
*Ma tafx id-djieq t'hawnhekk, ma tafx il-kruha*
*tal-Mewt illi ħaditna għall-għarrieda,*
*Il-Mewt qerrieda.*

*Int tgħix fil-hena, imma l-hena tiegħek,*
*Ma rbaħthiex int, le ma rbaħthiex bi driegħek,*
*Int tgħix fil-hena li ħallejna aħna*
*Sabiex irbaħna.*

*Mhux bħalek xtaqna l-ġmiel u xtaqna s-saħħa?*
*Mhux bħalek xtaqna x-xemx u d-dija tagħha?*
*Mhux bħalek xtaqna naqsmu l-ferħ mal-ħlejjaq*
*Bla dell ta' dwejjaq?*

*Mhux bħalek xtaqna max-xbejbiet ninħabbu,*
*Bħalek niżżewġu biex l-ulied irrabbu,*
*U nithennew bl-ulied meta nixjieħu*
*Sa ma nistrieħu?*

*Kien f'wiċċna jiddi l-ferħ, u f'qalbna t-tama,*
*'Ma wqajna w'ġabuna hawn, taħt din l-irħama,*
*Kesaħ ġo fina dlonk demm iż-żgħożija,*
*U ntfiet id-dija.*

*Issa waħidna hawnhekk fid-dlamm u s-sikta*
*Nibku l-jiem sbieħ li tlifna b'qalb imnikkta,*
*Nitolbu ..iġi ħdejna qalb ferħana*
*Tħabbat ma' tagħna.*

*Fil-passi mgħaġġla bejn is-slaleb tagħna,*
*Hemm, fuqna, fejn ix-xemx tidħak ferħana,*
*Ieqaf, żagħżugħ, u aħseb daqsxejn fina,*
*Tgħaġġilx tħallina.*

EMM. MIFSUD

## IL-VJATKU

*Il-għodwa siekta tal-Belt...*
*tkeffen il-lejl mitmum,*
*teqred is-satra sewdenija,*
*timla l-ħajja b' dawl il-jum,*
*tilqa' d-dawra ta' Kristu mbellah bl-Imħabba...*

*Tfal, tfal, tfal... bla ħjiena,*
*xjuħ, xjuħ, xjuħ... bla ħajja,*
*iterrqu u jgewdwdu talba;*
*u tinn, tinn, tinn, tinn, tinn,*
*tħabbar bla ħajr qanpiena mġelġla*
*il-wasla tal-Mulej Alla*
*fix-xbiha ta' Hobż bajdan.*

*Mejtin it-toroq:*
*imsakkrin il-bibien;*
*magħluqin it-twieqi;*
*ħemdin il-gallarijiet;*
*misturin il-purtelli;*
*sektin il-qtates wil-klieb;*
*maqfulin il-ħamiem;*
*safi jsaltan in-nifs fit-toroq:*
*b' egħluq id-djar ma ttaqqalx;*
*... it-toroq baħħ.*

*Għajnejn ħomor u mċajprin, miksurin;*
*Imħuħ bit-taħwid tal-lejl imdallmin;*
*Idejn mitlufin, mitluqin bla ħeġġa;*
*Saqajn mitruħin mitfugħin bla ħajja;*
*Wiċċ mitkiefes jixhed tiġrib il-qalb;*
*Demm u laħam f' ġisem misjur magħġuna:*
*u tinn, tinn, tinn, tinn, il-qanpiena mġelġla*
*tħabbar il-wasla ta' Sid il-Holqien.*

*Irkobba waħda tmil fit-triq*
*quddiem is-Sultan tas-Slaten.*
*Jittawlu l-uċuħ wara t-tendini*
*u jaħarbu wara l-ħajt tal-ġebla*
*minn ħarset is-Sultan tas-Slaten,*
*u għajr irkobba waħda*
*ma ssellimx lil Sid il-Holqien.*

*Hluq jittewbu,*
*xofftejn jiġġebbdu,*
*idejn jitmattru,*
*għajnejn jitbexxqu:*
*raġa' sebaħ il-jum;*
*barra jterraq il-Vjatku.*

*Kristu fil-għodwa għaddej jfittex il-qlub*
*jilqgħuh fil-għamara ta' demm u laħam...*
*Sid il-Ħolqien jfittex wens il-Bniedem*
*bil-għilt imtaqqal mal-qiegħa kiesħa...*
*Is-Sultan tas-Slaten iterraq waħdu*
*jittallab dwejra tilqgħu u twennsu...*

*...u tinn, tinn, tinn, tinn, il-qanpiena mġelġla...*

*Kristu riesaq...*
*...għadda...*
*mar...*
*intesa.*

ANTON AGIUS MUSCAT

## LIL ĠORĠ PISANI

*B'versi ħelwin ħallejt l-isbaħ tifkira*
*ta' xtut, għoljiet, ta' wileġ u widien.*
*L-għanja li ħriġt minn qalbek kullimkien*
*tismagħha tidwi mas-smewwiet tal-Gżira.*

*L-Art li għaġnitlek moħħok bl-itjeb ħmira*
*f'kull għanja li għannejt kollha nirien,*
*Inti żejjintha bil-ġawhar tal-Ilsien:*
*fiċ-ċokon ta' sbuħitha wrejtha kbira!*

*Imwaqqfa fuq il-madbaħ tal-Ġgantija,*
*baqgħet tixgħel f'idejk it-torċa tagħna:*
*ta' kull ġrajja qalbiena tarmi d-dija.*

*Hekk illum rajna tissemma u tistagħna*
*fost l-għana Malti l-għanja tiegħek Għawdxija,*
*ta' seher u ta' ġmiel dejjem sultana.*

2.iii.1964 OGYGIA

## MEJJU

*Inħobbok, Mejju,*
*għax l-isbaħ xhar,*
*għax fuq l-Altar*
*tlellix ta' fjur*
*minn kull kulur...*
*Quddiem ix-xbieha*
*(f'dija sabiħa)*
*ta' l-Omm Ħanina,*
*b'ħarstha hekk bnina,*
*f'ħuġġieġa nar*
*ta' dwal, bl-imrar*
*tersaq għajjiena*
*ir-ruħ u ħniena*
*titlob għall-ħtija*
*ta' l-faħxija,*
*w ileqqu d-dmugħ*
*ta' din ir-ruħ*
*nieżla ġo ħdanha;*
*tħenn is-Sultana,*
*tħenn għal dir-ruħ*
*li tibki w tnuħ...*
*Lubien, fjur, xemgħa,*
*għana ta' Sema*
*iqanqlu l-qalb*
*għall-ferħ, għat-talb:*
*tixgħel widdub*
*bl-imħabba l-qlub*
*f'dax-xhar ta' Mejju*
*xhar l-iktar ħlejju...*

Ramle – Israel

P. Giuseppi Cremona O.F.M.

## JEKK INT HABIB

*Jekk tgħożżni ġewwa u barra, lil dawk sħabek*
*tħallix li s-semm jisquni mal-ħalib,*
*la ddawwarx wiċċek, la tagħlaqx għajn waħda,*
*jekk int ħabib.*

*Jekk int ħabib u trid tgħix bla għedewwa,*
*tbiegħx lili biex bi flusi l-paċi ġġib,*
*tbiegħx lili biex tinħabb miegħi u magħhom,*
*jekk int ħabib.*

*Jekk int ħabib, qum fuq saqajk u għajjat*
*bil-qawwi s-sewwa li ġo fija ssib,*
*tibżax li ser tinbagħ'd imħabba fija,*
*jekk int ħabib.*

*Jekk int ħabib, jeħtieġ ukoll tkun għadu.*
*Hadd ma jaqdi x-xitan u jbus salib.*
*M'hemmx triq tan-nofs: jew jien jew huma. Agħżel*
*jekk int ħabib.*

Melbourne

Dun Ġużepp Abela

## INTI BISS

*Int biss twieġeb ħelu,*
*Ilsien Art twelidi,*
*għall-ħeġġa li tixgħel lil talbi,*
*għas-sejħa ta' qalbi*
*kull meta tfur bl-imħabba u tkun trid tfisser*
*b'kelma ħanina,*
*b'kelma għażiża,*
*dak kollu li nħoss jien u kif nixtieqU*
*joħroġ mill-kenn ta' mħabbti.*

*Le, jien ma nistħix minnek;*
*u nħossni mkabbar bik għax int ferraħtni*
*meta bil-kliem li tajtni*
*– li sar biċċa minn demmi –*
*farraġt lill-maħqurin, lill-qlub imjassra,*
*widdibt, rażżant bil-ħlewwa*
*biex nifred qlub li ma jistgħux jinħabbu;*
*inti ferraħtni*
*meta bil-kliem li tajtni*
*insiġt mill-ġdid fil-ferħ għal bosta drabi*
*qlub mifrudin li darba kienu żżewġu*
*u ħalfu lil xulxin imħabba għal dejjem*
*quddiem l-Altar.*

*Int biss taf tgħaqqadni*
*ma' Alla l-Imbierek li jħobbni.*
*U meta nkun waħdi quddiemu,*
*u nkellmu bik, fis-skiet tal-kamra tiegħi,*
*inħoss il-kliem għaddej minn qalbi għal Qalbu*
*bi ħleuwa ta' bla tarf,*
*bl-ikbar sinċerita'.*
*U ferħ bla qies ingarrab*
*għax f'dak il-ħin sabiħ jiena nistħajjel*
*li nisma' Lilu wkoll qed ikellimni*
*bl-Ilsien ta' Art twelidi.*

DUN FRANS CAMILLERI

## DUHHAN

*Duħħan kullimkien, fil-għaxija*
*Mill-fran ta' ħdejna, miċ-ċumnija għolja*
*Ta' Farsons imbiegħda. Huġġieġa*
*Tat-tfal fil-wied f'lejlet San Ġwann.*
*Ta' murtal tal-festa 'l bgħid.*
*Duħħan ta' xi karrozza miexja 'l hemm,*
*Mid-demel jinħaraq f'xi għalqa.*
*Kollox duħħan u aħna ngħixu fih*
*u fih nimirħu . . .*
*Duħħan itir fis-sħab, ħajjitna hekk,*
*Hsibijiet bla sisien u bla saħħa . . .*
*Kollox duħħan . . .*
*Araħom id-dħaħen, xi ġmiel u xi kburija*
*Meta jsewdulek sema. Imbagħad ir-riħ*
*Isuqhom miegħu, b'hekk kburithom taqa' . . .*
*Ġmielhom jintemm . . .*
*Aħna d-duħħan, il-mewt ir-riħ li jsuqna*
*Lejn qabar żgħir, bla jweġġah xejn kburitna.*

Ġ. BONNICI.

## X'JARAW

*Jaraw il-Fidi tmil taħt l-Ambizzjoni,*
*l-Imħabba tinża' l-bjuda safja tagħha,*
*Jaraw ir-rebħa sfiqa tal-Materja*
*U l-karba kiesħa u kerha li ġġib magħa.*

*Jaraw l-imgħallma jsajju għall-Imgħallem,*
*Jaraw id-dħul fl-ibliet u t-tluq mir-raħal,*
*Il-ġiri bla waqfien, il-ħolm qarrieqi,*
*Il-wegħda mġawhra illi qatt ma tasal:*

*Meta jitfgħu kultant xi ħarsa 'lisfel*
*Dan li l-allat jaraw mill-għoljiet ħodra,*
*U jidħku id-daħka ta' min għandu kollox*
*U xejn ma tagħmel bih nuqqas il-kotra.*

VICTOR FENECH

# DUN FRANS CAMILLERI

*fl-"Għanja ta' Ħajti"*

Studju ta' A. MALLIA ZARB

IR-RUH ta' kull kitba kbira hi l-lehma u t-tqanqil tal-qalb u tal-moħħ miġjuba u mfissra lill-kotra taħt għamla jew oħra iżda dejjem tixgħel moħħ jew qalb il-qarrej. Mhux l-għamla tal-kitba tagħżel x'inhu poetiku u x'mhux. Il-kelma "poetiku" tfisser dak kollu li hu sabiħ u kbir fil-qalb u l-moħħ. Qalb u moħħ jitkebbsu minn xulxin meta l-lehma tkun qawwija u poetika.

Fil-proża l-kittieb huwa marbut u mrażżan mil-lġiem tal-ħtiġiet ta' dik l-għamla ta' kitba, waqt li fir-retorika, imqanqla u ġejja iktar mill-qalb, jeħles xi ftit jew wisq mill-irbit u jersaq iktar lejn il-poeżija. Iżda fil-poeżija l-kittieb hu ħieles, ħieles mill-irbit tas-sensil ta' ħsibijiet, ta' kif ifisirhom, ta' l-istilistika. Ir-ritmu wkoll, li fir-retorika ġa jsir jindaqq u jinħass regulari, fil-poeżija jsir biċċa minnha, ibaqbaq u jogħla 'l fuq fis-saħna tat-tqanqil jew jimxi meqjus mal-ħsieb imrażżan f'poeżiji bħal *Il-Jien u Lilhinn Minnu.*

Il-poeżija hi ruħ il-poeta. Fl-għanja tiegħu tara bħal f'mera l-imħabbiet u l-ideat tal-poeta. Il-poeżija ma tistax tgħid ħaġa b'oħra, u kull ma jfisser il-poeta jkun tassew ħassu. Għalhekk minn ġabra ta' poeżiji ta' l-istess kittieb tara aħjar bl-egħruq u x-xniexel ruħ il-poeta.

Il-ħajja ta' kull wieħed minna hija mżewqa minn għemejjel u tiġrib, imħabbiet u ħsibijiet ta' kull xorta. Iżda dawn ma tistax tifridhom minn xulxin u tqegħedhom kull xorta f'taqsima għaliha. Imsensla fil-milja tal-ħajja bit-taħwid kollu tagħha, ilkoll juru x-xejra tal-karattru. Ferħ u niket jintisġu lkoll u jitlewnu mill-filosofija li tmexxi l-poeta, u fuq kollox toħroġ bixra waħda ewlenija, il-ħuġġieġa li tixgħel qalb il-poeta. Għalhekk it-taqsim ta' ġabra ta' poeżiji ta' l-istess kittieb taħt suġġetti differenti hu x'aktarx artifiċjali, u mingħajr ma l-poeta jintebaħ, f'kull poeżija ta' liema suġġett tilmaħ l-istess bniedem.

Bħal ma Dun Karm f'kollox jara 'l Alla u kollox iqabbel ma' l-ideal, Dun Frans f'kollox jara l-kefrija tal-bniedem ma' għajru. Minn kollox jislet il-kuntrast mal-bniedem fil-kruha tal-kefrija tal-għani setgħani u fit-tjubija ta' qalb tad-dgħajjef mgħaffeġ. Fuq it-tnejn hemm il-Ħaqq t'Alla. Waqt li Dun Karm jara l-ħażen minn pulptu għoli minn fejn hu jgħanni l-kobor u s-sbuħija t'Alla u l-mera tiegħu f'artu u fin-natura bla mittiefsa,

Dun Frans jara l-qerq u l-moħqrija kull fejn iħares madwaru u jifhem u jaf sewwa kull għamla ta' inġustizzja li biha l-bniedem ijassar lil għajru. Id-dinja li jgħix fiha Dun Frans mhix dik li b'sogħba kbira ra tispiċċa Dun Karm. Mhux għax id-dinja xi darba kienet jew tkun aħjar milli hija. Id-differenza hi li min-naħa l-waħda Dun Karm jimraħ 'il fuq u meta jħares 'l isfel u jilmaħ xi ħjiel mix-xmara ta' żína għaddejja 'l isfel il-bogħod taħt riġlejh jistkerraha u jċanfarha, waqt li Dun Frans il-ħin kollu jara mhux tant iż-żína daqs kemm l-inġustizzja taħt kull għamla, fosthom iż-żína, li tinsab madwaru, u jistmellha.

Lil Dun Frans mhux Dinu, artu u n-natura jqanqluh daqs kemm in-nies ta' madwaru, il-fqar u l-maħqurin. Ifur u jikbes meta jara l-inġustizzja li għar-regħba, iż-żína u l-kburija tifleġ il-fqir, tjassar id-dgħajjef u ġġib firda bejn l-għarajjes u l-miżżewġin, bejn l-aħwa, bejn in-nies ta' l-istess reliġjon u l-istess pajjiż. Din il-kefrija tal-bniedem ma' min ma jiflaħx daqsu itambar fuqha f'kull taqsima *fl-Għanja ta' Hajti.*

Hekk fil-poeżija *Il-Midalja* il-poeta jpinġi l-qerq tad-dinja li lis-setgħani tlibbsu l-midalja ta' missier il-fqar, midalja li xtara bl-istess flus li seraq minn demm il-fqir.

Imma ġo sidru,
taħt it-tiżjin ta' barra,
hemm il-kruha u d-dlam
ta' qalb mitfija li ma tafx bi ħniena,
qalb li stagħniet bil-flus minn demm il-fqir,
qalb li taf biss din l-għanja:
'Jiena, jiena, jiena'.

Imma min jafu sewwa
jara l-viltà u l-gidba tal-midalja,
u 'l min jilbisha jsejjaħ
'missier l-ipokrisija'.

Fis-sunett *Mammona* Dun Frans jisħet lil min għall-flus

"Ma jqis serq u moħqrija;
min jagħsar demm il-fqir, min l-hena u l-ħlewwa
jaħsad mill-qlub, għall-flus, ġo dar kennija."

Iżda hemm inġustizzja ikbar minn hekk. Wieħed jistagħna b'demm il-fqir. Iżda ma jiqafx hemm. Il-bniedem ma jixba' qatt. Il-flus mhumiex kollox. L-għani jrid ħwejjeġ oħra u bis-saħħa tal-flus jiksibhom — iż-żína, is-setgħa fuq l-oħrajn. Biex jilħaq l-għan tiegħu xejn ma jqis li jġib firda fil-familji. Bil-flus kiseb

"is-setgħa fuq il-fqir
li m'għandu 'l ħadd min jagħdru,
lil ħadd li jħenn għalih."

Fl-istess poeżija *Alla ma jinxtarax* jurina kif

"Bil-flus rebħu l-midalji
għal ġieh li ma jistħoqqx;
bil-flus jassar il-qalb ta' xbejba fqira
min hu bla qalb u żieni;
bil-flus xtraw l-imħallfin
il-ħallilin tal-poplu,
il-qattilin li xerrdu d-demm bla ħniena
u kissru lil familji."

Qalb Dun Frans tħoss kull fejn hemm moħqrija. Tħoss għall-missier li

"Kien rabba ħafna wlied ...
u sab għalihom kollha l-wisa' f'qalbu,"

iżda meta dawn kibru u huwa xjieħ, uliedu

" ... bħal larinġa
li għasru minn ġo fiha l-meraq kollu,
irmewh fid-Dar tax-Xjuħ."

(*Ħadd Fost Uliedu*)

Iħoss għat-tfajla *Qalb tad-Deheb* li żagħżugħ telaqha wara ħafna wegħdiet u ħlielha żmienha – xorta ta' inġustizzja iktar kiefra. Kemm jonqxu ħaj lil dak iż-żagħżugħ li

"Għajnejh kienu jitbissmu,
ilsienu kien jaf jinseġ bl-ikbar sengħa
l-oħla kliem ta' mħabba;
dirgħajh kienu jħaddnuk bl-egħżeż tgħanniqa
u xufftejh imriegħda
kienu jwegħduk fil-ħeġġa ta' kull bewsa
li inti biss tgħix f'qalbu,
li int u hu twelidtu għal xulxin.
Kliem, kliem sabiħ, kliem ħelu
li jdub bħas-silġ, bħan-nida ta' filgħodu;
tbissim li jitfi kmieni
bħal-lwien li jżejnu l-warda;
xufftejn imħaġġa bħal vulkan imkebbes

li jarmi n-nar, għal ftit, sakemm jintefa
u jnin għal kollox ..."

Ifakkarna fil-"laringa li għasru minn ġo fiha l-meraq kollu"! Jitħassar il-ħafna għarajjes

"li ilhom is-snin twal jiġru mat-toroq,
iħabbtu, iħabbtu mgħaġġel
bl-imħabba u bl-isbaħ tama
li jsibu dar kennija!"

(*Kemm Qlub Bla Dar!*)

Jitolbu l-ħniena iżda ma jsibuhiex.

Dun Karm jitfantas meta jara l-ħażen dieħel f'Malta u jċanfar lill-ħati. Iżda Dun Frans jhewden fuq l-inġustizzja fid-dinja kollha. L-inġustizzja hi problema internazzjonali. Dan jixhdu ż-żmien imdemmem ta' l-Aħħar Gwerra, li fil-poeżija "... U l-Art Titkellem" naraw il-ħruxija li kixfet f'qalb il-bniedem, il-bniedem imġiegħel minn għajru joqtol lil għajru. Dun Frans igħix fi żmien meta l-pajjiżi qed iqumu biex itajru l-ħakma barranija li bosta drabi ħaqrithom fil-jasar, meta s-suwed qed jitolbu l-jeddijiet li l-bojod ilhom iċaħħduhom minnhom f'darhom stess, meta artijiet kbar qed igħajtu għal-ħaqq fit-taqsim tal-ġid tad-dinja, meta miljuni qed imutu bil-ġuħ waqt li pajjiżi għonja jaħarqu l-qamħ, meta d-demokrazija bdiet tidher li mhix kollha bjuda iżda mħallta sewwa bil-griż u wkoll bl-iswed.

Dun Frans ma jsibx ħlief kliem iebes ta' tmaqdir mimli qrusa għall-Ewropa

"Art kbira ta' l-eroj, art dejjem tħammar
bid-demm tal-popli tiegħek mifrudin,
Int l-Omm taċ-Ċivilta' ... w ismek imsammar
ma' l-ikbar għajb fil-ġrajja tal-bnedmin!

F'qalbek ħuġġieġa n-nar tar-regħba jġammar
biex jibla' l-art u l-ġid tal-ġnus dgħajfin:
jassart l-Iswed ġo daru, u kull fejn għammar
int ċħadtlu l-jedd ta' bniedem tul is-snin."

U kemm jitfantas meta l-istess Ċiviltá, li

"... tbiċċer bil-kefrija
lil dawk li ġewwa arthom
kienu s-sidien bil-jedd, għad li bla saħħa",

titkabbar bil-Progress

"li għożżejt biss għalik –
u f'wiċċ id-dittaturi
għannejt ir-rebħa kbira tal-Helsien
u tad-Demokrazija."

Il-firda bejn in-nazzjonijiet iġġib il-gwerer u iktar ma jgħaddi ż-żmien u nikbru fix-xjenza iktar il-firda. Waħdu jiġik il-ħsieb:

"Ix-Xjenza tgħaqqad l-artijiet bejniethom
biex terġa' mbagħad tifridhom minn xulxin!"

(*Xjenza*)

Lill-poeta jolqtu iżjed il-faqar tal-waħx li hemm f'Napli, fil-poeżija *Ara Napli u . . . Ibki*, Napli "fejn igħixu n-nies bil-ġuħ, fid-dlam, fl-intiena." U dan il-faqar issibu f'ħafna artijiet oħra. Għalhekk meta *Fuq il-Qiegħa* jara l-qamħ jindires, jitnikket u jaħseb:

"Tgħid wara dat-taħbit ta' sena sħiħa
għad tasal f'ħalq kulħadd il-ħobża bnina,
jew jieklu biss il-ftit u l-fqir ibati?"

Il-ħażen jaqtagħlek qalbek, l-iżjed jekk ħliefu ma tarax. Id-dinja dejjem kienet u tibqa' l-istess. Il-poeta mimli xewqat kbar li jfuru "mill-katakombi mdawla tal-qalb tiegħu". Dawn ix-xewqat

"telgħin ixerrdu d-dawl, ixerrdu l-ħniena.
U fuq id-dinja mjassra u mudlama,
imdemma b'ġenn il-għira, b'ġiehha mtabba',
b'kelmtu mixgħula u mtajrin mit-tama
jitlaqhom jgħannu l-innu ta' l-imħabba."

(*Xewqat Miksura*)

Iżda d-dinja tberred l-aqwa qlub u dawn ix-xewqat

"... jerġgħu jinżlu, kollha mnikkta
fil-kenn tal-katakombi, wara l-ġlieda
li jġarrbu mal-bnedmin – miksura u msikkta
mill-qerq u l-ħażen, minn mewġiet qerrieda"

Bħala Kattoliku, u qassis, il-poeta jsib il-faraġ fit-twemmin f'*Jum l-Aħħar Haqq* meta

"min għasar demm il-fqir tħammru t-tifkira
. . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .
. . . . . . . . . . . . min għamel ilsira
ta' ġismu lil mart għajru, għal min wiegħed
ġenna ta' l-art u daħaq b'tifla fqira
li ħalla tul is-snin tibki u titniehed.
Ifeġġ il-jum tar-rebħ għal min bla ħtija
xeħtuh il-ħabs, qerduh, littmu 'l uliedu,
għal min, għax ħabb lill-fqir, bata l-moħqrija."

Iżda Dun Frans mhuwiex bħal Karmenu Vassallo. Ma jarax biss l-ikrah. Jekk hemm is-serq, il-qerq, il-moħqrija, iż-żina, il-jasar, hemm il-fqir, il-maħqur, il-qalb safja, li mgħaffġa mid-dinja jissaffew iktar u jidhru isbaħ quddiem Alla. Il-ħażin u t-tajjeb, l-ikrah u s-sabiħ – mill-kuntrast iktar tlellex il-ġawhra. Jekk fid-dinja hemm ħafna li

"juruna lilhom stess imma b'wiċċ ieħor
biex jaħbu s-serq, iż-żina u l-inġustizzja
li jwettqu bla mistħija
taħt il-maskra ta' l-onestà
u tar-rġulija,"

(*Artisti Moħbija*)

hemm ukoll ħafna karattri tad-deheb li fil-ħajja mgħaġġla ta' kuljum naħbtu magħhom u ma nagħtux kashom: it-tjubija ta' l-omm, l-aqwa mħabba li timla d-dinja ta' kull wieħed, fil-poeżija *Il-Qalb li Tishar*, l-imħabba xejn inqas kbira tas-soru li tħobb bħal uliedha

xbejbiet imsejkna,
imjassra minn qlub ħżiena" (*Is-Soru*),

is-sbuħija tal-familja miġbura d-dar (Id-Dar), il-ferħ u l-ħlewwa li ġġib magħha tarbija ġdida fil-poeżija *Benniena Battala*, il-*Qalb Safja* ta' tfajla safja.

Iżda Dun Frans jara ġawhar isbaħ minn dawn għax imsoffija min-nar ta' l-inġustizzja, l-imsejkna, il-fqar, il-maħqurin. Dun Frans mhux medhi bih innifsu, mhux għommtu jferra' fl-*Għanja ta' Hajti*. Għall-kuntrarju ta' K. Vassallo, qalbu mixgħula bil-moħqrija ta' għajru u madwaru fil-faqar u l-inġustizzja jilmaħ ħafna qlub tad-deheb.

Waqt li Dun Karm iċanfar il-ħati u K. Vassallo jisħon għall-bniedem li ħaqru, fil-poeżija tiegħu Dun Frans itambar fuq l-imħabba mal-fqir u l-batut. Qalbu tfur bil-ħniena u flok ma jaħli ż-żmien jitmasħan għall-kefrin, jin-

tefa' b'ruħu u ġismu jfarraġ u jgħin il-maħqur. Qalbu dduq u ddewwaq il-ferħ u l-hena ta' l-altruiżmu fil-ħsieb u fl-għemil, flok l-imrar tal-ħasra għan-nuqqasijiet li ġarrab hu stess.

Għalhekk fl-*Għanja ta' Hajti* naraw bħal fl-ebda poeta ieħor qalb kollha mkebbsa bi mħabba friska, l-imħabba għal għajru. Waqt li oħrajn jogħlew lejn Alla u bilkemm jilmħu 'l ħuthom fil-jasar, waqt li oħrajn jinżlu 'l isfel fil-mogħdrija għalihom infushom, Dun Frans jesa' din id-dinja u l-oħra f'qalbu, għax jasal għal Alla bl-imħabba lejn għajru. Igħanni il-poema tal-Vanġelu, il-poema ta' l-ikbar imħabba, li Alla nsibuh fil-fqir u l-batut, li kull ma nagħmlu magħhom inkunu nagħmluh ma' Alla u f'Jum l-Aħħar biss min ikun ħenn għal għajru jikseb l-hena dejjiema.

Din l-imħabba tressqu lejn Alla għax fl-inġustizzja tad-dinja jssaħħaħlu t-twemmin u t-tama li l-Haqq isir minn Alla. "Kif nista' ma nemminx" f'Alla ħanin, isaqsi fil-poeżija hekk imsemmija, meta madwaru jara

"... mijiet ta' nies jgħixu mejtin,
maħqurin,
u jgħixu biex ibatu,
għalhekk biss;

xbejba li ma tbigħ qatt il-ħajr ta' ġmielha,
is-sura ta' ġisimha;
u għaliex tħobb is-Sewwa,
tibqa' mċaħħda u fqira."

Il-poeta jhewden b'din l-imħabba u kemm kemm ma jħosshiex bħal ġenn, ġenn qaddis. Tħossha qisha tittieħed, issakkruk bil-ħerqa tagħha. "Ma, Tibkinix", jgħidilha, jiġrili x'jiġrili; ibkini biss jekk tisma'

"li jiena sirt bla ħniena
u ħqart il-fqir."

U lil Alla stess jitolbu ma jidħaqx bih meta jxerred dmugħ ta' ħniena jew meta qalbu

"tħoss għall-ulied maħqura – frott fl-ħtija –
u tibki magħhom;
meta nitħassar l-ommijiet mifruda
minn żwieġhom imbegħdin
fil-ħabs ...
fis-safar ...
f'dar oħra ... ma' qalb oħra,
ħalliela ta' mħabbithom.

meta nfur f'dagħdigħa
xħin nara l-fqir, liċ-ċkejken
imsawwat u maħqur,
magħsur, mirfus u mjassar
minn min huwa setgħan
u għandu qalbu xierfa bil-ħruxija;
xħin naħseb f'tifla fqira
li titlob biċċa ħobs bl-għaraq ta' ġbinha
u tisfa' lsira, msejkna,
ta' min bla ġieh, bla rażan
itemm xewqatu żienja, bla mistħija;
ta' min bla qalb u vili
stagħna b'ħidmitha
wara li għasar demmha."

(*La Tidħaqx Bija!*)

Ukoll meta jasal biex jorqod moħħu jmur kull fejn hemm ġuħ, moħqrija, uġigħ u tbatija – *Immut Kuljum*. Meta l-poeta jkun sa jaħseb fuq l-imrar tiegħu, ġo widnejh jisma'

"                    bħal karba
ta' qlub miġugħa, leħen li jċanfarni:
'Mhux inti biss qed tbati. Hares lejna
li tlifna d-dawl, is-saħħa; u mifnija
bil-ġuħ, bil-mard u d-dwejjaq,
bil-firda u bil-moħqrija,
ma fadlilniex ħaġ'oħra
ħlief nistennew il-mewt
għax fil-bnedmin ma sibna qatt il-ħniena."

(*Wara l-Ħolma tat-Tfulija*)

Il-ferħ tiegħu huwa wieħed

"... għax sirt inħoss bħal min ibati
u iżjed nifraħ għaliex nista' ntaffi
l-uġigħ tal-qlub għajjiena
li qatt ma daqu l-ħniena."

Għalhekk qed igħix, għalhekk Alla għamlu l-qassis tiegħu, biex bħal Kristu jimxi "Fit-Triq ta' l-Imħabba" u jagħmel il-ġid. U minn fommu jitla' l-ħajr lill-Imgħallem għax

"Tajtni qalb bi mħabba kbira,
qalb li tifhem it-tbatija,
qalb li tħoss."

Għalhekk jifraħ għax mexa "dit-triq li taf l-imħabba". Iżda

" qatt ma fraħt daqshekk u fhimt hekk tajjeb
kemm ta' min jgħix dil-ħajja.
Ħassejt li jien ferħan, ħassejt 'il ħajti
f'għanja kbira tmewweġ f'qalbi
li tirtogħod ma' demmi kollu
u tinfexx f'egħmil ta' ħniena,
egħmil ta' ġid u mħabba.
Ħassejtni aktar ferħan aktar ma mħabbti
swietli taħbit u mrar."

(*Fit-Triq ta' l-Imħabba*)

Dan il-ġenn ta' mħabba jġiegħlu jitlob lil Alla:

"fawwarli qalbi bil-għemil ta' ħniena
imbagħ'd ħallini,
ħallini ninżel hawn mingħajr ma nidher,
biex nibqa' nkun ta' faraġ
lill-foqra li ħabbejt, lil min ibati,
lil min huwa miġugħ
u jinsab waħdu,
waħdu ...
imsawwat u mfarrak
bil-firda u bl-inġustizzja."

(*Dan Biss Nitolbok*)

Il-poeżija tiegħu magħġuna b'din l-imħabba u l-poeta mhux poeta għax jogħla 'l fuq kif togħla "Qalb ta' Poeta", iżda għax hu

"poeta mimli nar, bi kliemu jaqta',
bi kliem qalil, jissielet bla ma jibża',
jiġġieled bla mistrieħ għall-ħaqq u s-sewwa,
għall-fqar li jħobb bla tarf;
imma fil-qilla tiegħu
u f'dak in-nar ibaqbaq rajt moħbija
qalbu tad-deheb li bħalha ħadd ma daq."

(*Ramla Moħbija*)

Din hi l-"Għanja ta' Hajti." Waqt li Dun Frans igħanni wkoll l-għanja tar-rebbiegħa u tas-sbuħija tan-natura, l-għanja tar-ruħ lill-Hallieq u lil Omm Alla, lill-qaddisin, huwa jgħanni fuq kollox l-għanja ta' qalb il-bniedem mimli mogħdrija u ħniena għal kull min hu mnikket, maħqur, mgħaffeġ mill-inġustizzja, l-għanja ta' l-imħabba.

Il-poeżija ta' Dun Frans hija emozzjonali iktar milli riflessiva: mhux ħsieb meqjus jew qalb mimlija bis-skiet tal-hena, iżda qalb kollha nar, tbaqbaq, qalb mixgħula u mkebbsa.

Fl-"Għanja ta' Hajti" Dun Frans fotografu mhuwiex Dun Frans poeta. Ir-ritratti sbieħ huma poeżija ta' ġmiel in-natura. Iżda l-għanja tiegħu mhix din. Lanqas ma hi l-għanja ta' Dun Karm, kif tistħajjilha sa tkun ma' l-ewwel daqqa t'għajn lejn l-ismijiet ta' xi poeżiji, li meta taqrahom ifakkruk bla ma trid f'poeżiji ta' Dun Karm ta' suġġett jixbaħhom: poeżiji lil San Pawl, *Lil Dun Mikiel Xerri, It-Tfajla tal-Bizzilla, Televiżjoni.*

Il-qalb tbaqbaq u l-moħħ imbegħren ta' Dun Frans ma tantx joqogħdu għall-ilġiem tal-metri konvenzjonali u tar-rima, iżda jfuru fil-vers ħieles, mexxej, ibiddel il-ħin kollu ma' kull taħbita tal-qalb. L-iktar poeżiji imqanqla tiegħu huma b'vers ħieles, fejn it-tifsir ta' mħabbtu mhux im-xekkel u mrażżan mill-versi mdaqqsa fuq l-istess tifsila bil-metrika kon-venzjonali. U bħal ma l-ħsieb sħun u mgħaġġel jitfisser aħjar u jqanqal iktar fil-vers ħieles, hekk min-naħa l-oħra il-vers ħieles ma jdoqqx jekk il-qarrej ma jidħolx f'moħħ u qalb il-poeta u miegħu jiġri ħafif u mexxej minn vers għal ieħor u l-kliem jaqbeż sħun jixgħel il-qalb. Għalhekk m'hemmx rima li meta tedha l-widna aktarx kienet tnaqqas u ttellef it-tqanqil tal-qalb.

Trid tkun poeta biex tifhem il-poeta. Kulħadd jista' jħoss il-poeżija f'qalbu għalkemm ma jagħrafx ifisser it-tqanqil, il-ferħ, is-sbuħija, il-kobor, u dak kollu li jagħmel il-poeżija. Għalhekk il-poeta huwa kbir għax iwassal lill-kotra dak kollu li jekk jagħrfuh u jifhmuh jixegħlilhom qalbhom ukoll b'kull ma ħass hu.

Il-poeta ma jistax ma jwassalx dan il-messaġġ. Iżda x'ħasra jekk dawk li għalihom jiswa l-aktar iwarrbuh, għax hekk jaqblilhom! Il-qalb titqanqal, jekk ma tkunx xriefet iżżejjed. Iżda dejjem tista' toħnoqha. U fuq kollox, id-dinja tibqa' dejjem l-istess, kif jidher mill-ħsieb tal-poeta stess.

Iżda l-messaġġ ta' Dun Frans ma jintilef qatt. Dejjem tibqa' l-għanja tiegħu tfarraġ il-qalb tad-deheb moħbija fil-faqar u t-tbatija, il-qalb safja mistoħbija fil-moħqrija u ċ-ċaħda. Għax l-imħabba ma tmut qatt u ħadd ma joqtolha.

FUQ ĠWIENAĦ IL-GĦANA – *Ġabra ta' Poeżiji* ta' Ġorġ Zammit (Lux Press, Malta, 1964; pp. 200). Reċensjoni ta' K. VASSALLO

Rebħa kbira oħra għall-Letteratura Maltija hija l-ġabra ta' poeżiji li Dr. Ġorġ Zammit, B.A. Hons. (Lond.), LL.D., ħareġ għad-dawl fi ktieb ta' 200 faċċata fi tmiem ix-xahar t'April, 1964.

Il-għadd ta' poeżiji miġbura fil-ktieb, *Fuq Ġwienaħ il-Għana*, huwa 90. 89 minnhom huma oriġinali u waħda le. Fost l-oriġinali nsibu żewġ poemetti: *Il-Għanja tas-Seba' Għerien*, li tħaddan 820 vers ta' qisien differenti u li kienet għadha qatt ma ġiet ippubblikata qabel; u *Il-Għanja tas-Seba' Niċeċ*, li tħaddan 821 vers u li kienet dehret mitbugħa għaliha fi ktejjeb maħruġ fl-1949.

Jekk għall-poeżiji oriġinali tiegħu l-avukat u poeta Ġorġ Zammit hu ta' min jifraħlu u jfaħħru, għal dik li hu qaleb fi Lsienna mill-Ingliż jistħoqqulu l-ħajr u l-ammirazzjoni ta' kull min iħobb u jgħożż dak li hemm tassew sabiħ u kbir fil-Letteratura, kienet ta' liema pajjiż kienet jew kien x'kien l-ilsien li bih iżżejjnet u stagħniet. Il-poeżija li f'dan il-ktieb ġdid tiegħu Ġorġ Zammit għoġbu u mexxielu, b'ħila ta' poeta u lingwist li hu, iroddilna bi Lsienna hija waħda mill-aqwa u mill-isbaħ li nkitbu u xxandru bl-Ingliż: *Ir-Rubajjat ta' Omar Khajjam* ta' Edward Fitzgerald – poeżija twila ta' 75 strofa b'erba' versi kull waħda li jirrimaw AABA kif turi l-kwartina li ġejja:

Ejja fejn jien, fuq ftit ħaxix mitfugħ,
Nara x-xagħri jinfired mill-miżrugħ:
Fejn irsir u sultan ma jingħażlux,
U l-kbir mhux għira jġiblek, iżda dmugħ.

Din il-poeżija, poeżija l-ġmiel tagħha, Dr. Zammit jiddedikaha lill-Professur A.J. Arberry li ħajru jagħmel it-traduzzjoni tagħha. Qabel it-traduzzjoni (li f'xi mkejjen tisboq lil dik ta' Fitzgerald, waqt li f'xi mkejjen oħra taħbat togħkos jew tinkedd xi ftit), il-poeta tagħna jagħtina tagħrif siewi f'*Daħla* ta' ħtieġa kbira għal din il-għanja. Fost ħwejjeġ oħra nsibu li "Omar Khajjam kien wieħed mill-għorrief ta' żmienu li, għalkemm wera li kien jiswa sħiħ fix-xjenza u fil-filosofija, jibqa' jissemma dejjem bħala poeta u l-aktar kittieb magħruf ta' *rubajjat*, jew strofi ta' erba' versi, bir-rima mqassma fuq l-iskema AABA – Għad li *rubajjat* hi kelma Għarbija, din il-forma metrika ma tinsabx fil-poeżija klassika Għarbija; imma tinsab sħiħ fil-lirika Persjana sa mis-seklu X. Użawha, fost l-oħrajn, nies magħrufa bħal Aviċenna Abu Sajd (968-1049) u Baba Tahir minn Hamadhan, li għex fl-istess żmien. – Imma l-kelma *rubajjat* tibqa'

dejjem marbuta ma' l-isem ta' Omar Khajjam minn Najxapur, li miet fl-1123, għaliex kien hu li ta l-ogħla ġieħ lil din is-sura poetika."

Dr. Zammit, fid-'Daħla' għar-*Rubajjat ta' Omar Khajjam*, ma naqasx igħidilna (u għamel sewwa) li "Fitzgerald żied xi ħsibijiet li ma ssibx f'Omar Khajjam." Imma dwar kemm din il-għanja bl-Ingliż timxi jew ma timxix id f'id ma' l-oriġinal Persjan ma qalilniex. Bla ma nlumu fuq hekk, nixtieq ngħid kif jaħsbuha xi wħud mill-kritiċi letterarji Ingliżi dwar il-versjoni ta' Fitzgerald.

George Saintsbury, f'*A Short History of English Literature* (Macmillan, 1948), p. 737, igħidilna li "in 1859 FitzGerald issued a version, *in appearance* a translation, of the *Rubaiyat* of the Persian poet, astronomer, and Epicurean, or rather Cyrenaic, Omar Khayyam ... *It is not in the strict sense a translation at all*, FitzGerald having combined, transposed, omitted, and even inserted, to such an extent that the thing is almost as much his own as another's." Hekk ukoll il-Professuri W. Macneile Dixon u H.J.C. Grierson, f'*The English Parnassus* (O.U.P.), p. 748, igħidulna li "Fitzgerald's version *is rather a new poem* inspired by Omar's stanzas than an actual rendering." U *The Caxton Encyclopaedia* (1960), Vol. V, p. 34, tgħidilna li "Omar Khayyam, Persian mathematician and poet, owes his European reputation to the *paraphrase* by Edward Fitzgerald of his *ruba'iyat* or quatrains."

La darba qegħdin fiż-żifna tar-*Rubajjat*, irrid ngħid li jien ma naqbilx ma' Dr. Zammit dwar it-traduzzjoni li tana tat-58 strofa. Lil Omar Khajjam kont inħallih mill-bidu sa l-aħħar dak li tabilħaqq hu. Min sa jiskandalizzax ruħu bil-qari tal-versjoni Ingliża, għax għandu jagħmel il-maqlub fejn tidħol il-versjoni Maltija? Dak li ma jaħraqx fl-Ingliż ta' Edward Fitzgerald, għax għandu jaħraq fil-Malti ta' Ġorġ Zammit?

U issa għall-poeżiji oriġinali. Bħal poeti oħra magħrufa Maltin, Ġorġ Zammit huwa poeta reliġjuż bis-sħiħ. Barra milli, bħall-bqija ta' wlied il-Gżira ta' San Pawl, il-poeta tagħna rada' twemmin Kristu ma' ħalib ommu, huwa ħa wkoll f'żgħużitu tilqima tajba saċerdotali li baqgħet dejjem iżżommu bgħid mit-taħsir ta' filosofiji morda u marradin, filosofiji tal-qoxra u mhux tal-qalba, filosofiji taż-żaqq u tad-daqq li la jbennu 'l-qalb u lanqas ma jhennu 'r-ruħ. Dr. Zammit huwa twajjeb wisq biex iħalli xi darba 'l-Poeżija ssakkru hekk li twasslu biex igħajjeb imqar kemm kemm dak li hemm tabilħaqq kbir u qaddis f'ruħ imseddqa bil-Magħmudija, imsaħħa bil-Griżma ta' l-Isqof u mdawwla aktar tard b'sebħ il-Filosofija Skolastika Tomistika u b'ħajr il-għerf tal-Mulej Alla – Alla l-Ħallieq, Alla l-Feddej, Alla Ruħ il-Qodos.

Mimli dejjem bit-tama u bil-fidi fil-kbir Alla li jista' kollox, il-poeta

jħeġġiġna biex ma naqtgħux qalbna fil-hemm jew fil-għawġ tal-ħajja billi aħna qatt ma nkunu għal kollox weħidna, imma jkollna dejjem 'l Alla ħdejna. Hekk, fil-poeżija tiegħu *Alla Hdejk!*, il-poeta jwiddibna u jiftħilna għajnejna b'dawn il-versi ħfief u ħelwin:

Jekk burraxka t-triq tellfitek,
Jekk l-irwiefen qed jagħmuk,
Xejn la taħseb li int waħdek
Jew li s-sema u l-art sebquk.
Ibqa' miexi: 'l hinn mill-biża'
Tal-għargħar u ta' l-irjieħ
Hemm min jgħasses, sa ma jwasslek
Fil-mistrieħ.

F'isem Kristu Msallab il-poeta jitniehed u b'qalbu maqsuma jgħid:

Jien id-dawl tiegħek, u int ma tridx tarani;
Jiena l-imħabba, u int ridt biss tweġġagħni;
Jien ħamiema tal-paċi, iżda ġo ħobbok
Kennejt is-serp – lili ma ridtx tilqagħni.

Irżina, sabiħa u ħelwa kemm tista' tkun hija wkoll il-għanja dwar il-qawmien ta' Kristu Sidna mill-mewt:

Ifirħu! Min għalina
Twieled, issallab, miet,
Wettaq tagħlimu, u ħareġ
Rebbieħ minn bejn l-imwiet.

Ifirħu! Reġgħu sabu
Leħenenhom sħiħ, għannej,
Il-qniepen, u b'għanjithom
Isellmu lill-Feddej.

Qum int ukoll, ja bniedem;
Stenbaħ mill-mewt tad-dnub;
Li ma jaqax fuq rasek
Id-demm t'Alla mislub!

Daqskemm iħobb 'l Alla u 'r-Reliġjon ta' Kristu, l-awtur ta' *Fuq Ġwienaħ il-Għana* jgħożż u jqim lil art twelidu. Dan narawh minn kotra ta' poeżiji, kollha fihom x'tiżen u x'tixtarr, dwar *is-swar ta' Malta, Dun Mikiel Xerri, Malta, Malta u n-Natura, il-qanpiena ta' Sant'Anġlu, l-Għerien tal-Fatati,* u *s-Seba' Niċeċ* u *s-Seba' Għerien* li l-poeta jżur f'Malta u Għawdex.

Ġorġ Zammit igħożż ħafna wkoll lill-ħbieb u jammira l-egħġubijiet tan-Natura. Għal martu u għal uliedu għandu mbagħad kliem ħelu ta' mħabba li jgħaxxaq u jħoll. Fost il-poeżiji filosofiċi tiegħu (xi drabi aktar teoloġiċi milli filosofiċi) laqtuni ħafna dawn: *Wara l-Anestesija, Ir-Ruħ u l-Ward,* u *Lejn il-Kwiekeb.* Poeżija oħra li fiha l-ġmiel tat-teknika jimxi id f'id mal-kobor u l-għoli tal-ħsieb hija *L-Għajna ta' Għada* – għanja fejn id-dawl jisboq id-dlam, it-tama toħroġ rebbieħa u ssaltan bis-sliem fuq qtigħ il-jies, waqt li l-mibegħda tisfa megħluba u misħuqa mis-seħer ta' l-Imħabba:

U diebet id-dalma,
U trażżnu l-irwiefen,
U nbidlet ix-xagħra fi ġnien kollu mwarrad,
U siktet il-karba, w il-kefen
Sar libsa li ġmielha kien jitfi lill-kwiekeb
Li siekta jiżżerżqu mas-sema fil-ljieli sajfija ...
U rajtha fi ġmielha – u ħabbejtha.

Ġorġ Zammit, jew bil-għan jew bla ħsieb, sew fil-kotba tiegħu ta' poeżiji bl-Ingliż, bħal ma huma *Lyrical Moments* (1939) u *Adrift* (1946), u sew f'dawk ta' poeżiji bil-Malti bħal ma hu dan, *Fuq Ġwienaħ il-Għana* (1964), donnha qiegħda fih li jħalli barra xi poeżija jew poeżiji li ma jkunux intgħoġbu inqas meta dehru l-ewwel darba minn dawk li hu mbagħad ikun għażel u ġabar u daħħal f'dawn il-kotba. Hekk, ngħidu aħna, il-poeżija *Twilight on Rome* (1931), li l-Professur Aquilina stqarr bil-miktub li kienet laqtitu ħafna bħal ma kienet laqtet u saħħret lili nnifsi, ma tinsab miġbura u mitbugħa f'ebda wieħed miż-żewġ kotba ta' poeżiji tiegħu bl-Ingliż; waqt li poeżija sabiħa ferm bil-Malti li kienet dehret f'*Leħen il-Malti* ta' Jannar-Marzu, 1953, Għadd 263-265, p. 15, baqgħet barra wkoll minn *Fuq Ġwienaħ il-Għana.*

Imma waqt li jisgħobbina għal dan, jiġifieri għax tħalliet barra din il poeżija li aħna ħsilna ntbaħna biha, ma nistgħux u m'għandniex ma nitgħaxxqux bil-bqija li Ġorġ Zammit għoġbu jiġbor u jdomm flimkien fi ktieb – ktieb pulit, sabiħ u fih qabda, li għalih nifirħulu minn qiegħ qalbna.